IT-TIENI KTIEB
TAT-TIENI SENA

ĠUNJU
1926

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

---

## XFIH DAN IL-GĦADD

Il-Vokali tal-Lsien Malti (SAJDUN) — L-Ilsien Malti (P. S. M. ZARB O.P. — *Naħa* jew *Naħħa* (SAJDUN) — X'jiswa l-Malti (DUN PIETRU PAWL) — Dwar il-Kelma "Laħwa" (G. V. u A. C.) — L'Isem ta' Għawdex (SAJDUN) — Il-Ħaġra ta' Majmuna (T.Z.) — Il-Kelma "Ħal" (A.C.)— Għoxrin sena wara.... (S.) — Id-Dwell f'Malta fi żmien l-Ingliżi (ĠUŻÈ GATT) — Dawra Arkeölogika ma' dwar il-Birgu (KAN. G. M. FARRUGIA).

[DUN PIETRU PAWL = REV: P. P. GRIMA, Sliema.]

STAMPA: Il-Ħaġra ta' Majmuna.

DIRETTUR G. MUSCAT-AZZOPARDI
89, Sda. St. Lucia, Valletta.

Ħlas 1/6 fis-sena. Ktieb wieħed -/6

---

Kull xorta ta' kitba, ħlas, jew ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu mal-MALTI, jinbagħtu lil F. S. Caruana, 19, Strada Reale—Valletta.

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

IT-TIENI KTIEB TA' L-1926

## IL-VOKALI TAL-LSIEN MALTI

*(Jaqbad mal-faċċ: 26 fil-Għadd ta' qabel)*

Biex wieħed jara aħjar fuq liema sisien hi mibnija dit-taqsima, inżid erba' kelmiet oħra fuq nisel il-vokali Maltin mill-vokali Għarbin. Nagħżel il-Għarbi mhux biss għax il-Malti jiġi minnu, imma wkoll għax, fost l-ilsna kollha xemjin, hu l-anqas li ttiefes fil-għamla.

Il-vokali ta' l-ilsna xemjin fil-bidu kienu tlieta biss *a*, *i*, *u*. Fil-Għarbi (tal-kotba) għadhom sal-lum kif kienu, iżda fl-ilsna l-oħra nisslu ħafna vokali oħra.

Il-vokali *a* qasira jew iżżomm leħinha, hekk: Għ: *săjjad* = M: *sajjied* = Lh: *sajjad*; Għ: *qăddis* = M: *qaddis* = Kaldajk: *qaddix*; Għ: *qălb* = M: *qalb*; Għ: *lăħm* = M: *laħam* = Lh: *leħem* u bis-suffissi *laħmi*, *laħmek* u ħafna oħra; jew issir *e* (miftuħa) hekk: Għ: *kălb* = M: *kelb* = Lh: *keleb*; Għ: *xăms* = M: *xemx* = Lh: *xemex*; Għ: *ălf*: M: *elf* = Lh: *elef*; Għ: *kălima* = M: *kelma*; Għ: *kăllăm* = M: *kellem* u oħrajn; jew tinbidel ma' *o* (miftuħa), hekk Għ: *băqăr* = M: *baqar* jew *ba°qa°r* = Lh: *ba°qa°r*; Għ: *bard* = M: *bard* jew *ba°rd* jew *bord* = Lh: *ba°ra°d* u oħra jew tinbidel f'*i*, hekk Għ: *năsrani* = M: *nisrani;* Għ: *ăjjâm* = M: *ijjiem;* Għ: *kăssar* = M: *kisser*; Għ: *jădrib* = M: *jidrob.* Hekk ukoll fil-Lhudi *jaqtul* = *jiqtol*, *qattal* = *qittel*, *sadq* = *sadqi* = *sidqi*.

Hekk ukoll il-vokali *a* twila jew iżżomm leħinha, jew tmil lejn l-*o*, jew issir *ê* = *ie*, hekk Għ: *qâm* = M:

*qâm* jew *qâ°m* jew *qô^a^m* jew *qôm* = Lh: *qâ°m;* Għ: *ħimâr* = M: *ħmâr* jew *ħmôr* = Lh: *ħmôr*; Għ: *dâħil* = M: *dêħel* = *dieħel;* Għ: *kitâb* = M: *ktieb;* Għ: *banát* = M: *bniet* = Lh: *bnôt*, Għ: *kâfir* = M: *kiefer* u ħafna oħra.

Il-vokali *i* jew tibqa' li hi, jew issir *e* (magħluqa) hekk Għ: *ġild* = M: *ġild*; Għ: *tifl* = M: *tifel*; Għ: *riġl* = M: *riġel*; Għ: *bint* = M: *bint* = Lh: *bat* (bant) iżda bis-suffissi *bitti* (binti); Għ: *râkĭb* = M: *riekeb* = Lh: *rôkeb*; Għ: *sâħĭb* = M: *sieħeb*, Għ: *rahib* = M: *raheb* u oħrajn.

Il-vokali *u* jew tibqa' kif inhi, jew tinbidel f'*o* (magħluqa), hekk Għ: *maqtul* = M: *maqtul* = Lh: *qatul;* Għ: *ħanut* = M: *ħanut*; Għ: *qumu* = M: *qumu* = Lh: *qumu*; Għ: *quds* = M: *qodos* = Lh: *qodex;* Għ: *jaqtul* = M: *joqtol* = Lh: *jiqtol*; Għ: *muħħ* = M: *moħħ* u oħrajn.

Kull ma għidna issa fuq nisel il-vokali jwettaq dak li għidna fuq it-taqsim tagħhom u juri li dik it-taqsima mhix fiergħa. Leħen jingħażel minn ieħor, skond ma jingħażel nislu. Jekk in-nisel mhux wieħed, anqas ma jista' jkun wieħed il-leħen jew vokali li ġejja minnu. Għalhekk ħadd ma jista' jmieri l-għażla ta' żewġ *e* u ta' żewġ *o* li tinsab mhux biss fil-malti, imma saħansitra fil-franċiż u fit-taljan ukoll.

Nieqfu hawn. Jekk issa aħna għandna nibqgħu niktbu l-vokali bħal l-ilsna latini minngħajr ebda għażla bejn leħen magħluq u leħen miftuħ, jew inkella għandna ndaħħlu għliem ġodda biex nuru, kif imiss, il-għażla tal-vokali, mhix ħaġa li naqtagħha jien. Minn għalija nixtieq b'qalbi kollha u nagħmel ħilti kollha biex nara mitmuma kitbet ilsienna; madankollu qalbi teħbirli twegħir u għaqqux kbir. Jekk il-kitba sabiħa u ħafifa tal-*Għaqda* għadha mhix milqugħa għalenija, kif tista' tkun milqugħa l-għażla, li mhi xejn ħafifa, tal-vokali? Għallinqas wieħed ikun jaf li l-lsien Malti għandu vokali aktar milli għandu għliem. **Sajdun.**

# L-ILSIEN MALTI

Fost dawk, sew Maltin kemm Barranin, li marru jitħabtu sabiex jaraw ta' liema nisel huwa l-ilsien malti, aħna naraw li aktarx il-Barranin qalu li huwa ta' nisel għarbi, mita l-Maltin, tneħħi xi ftit, kollha żammew li ma huwiex għarbi; iżda min qal li huwa feniċju min puniku, min latin imħallat bil-għarbi u min persjan (1).

Jekk aħna nlaqqgħu ftit lill-Maltin li kitbu fuq dil-ħaġa mal-Barranin, aħna naraw li dawn huma iżjed qawwija fl-ilsna semin u msemmija milli huma l-kittieba tagħna. Għalhekk barra minn Malta, il-kittieba Maltin ma għandhomx dik il-qawwa li għandu Gesenius u l-lum Brockelmann; u billi dawn iżommu li l-malti huwa għarbi mhux ħlief tara, fir-Rivisti, il-malti msejjaħ għarbi u l-Maltin "Arabofoni" (2). Barra minn Gesenius u Brockelmann tħaddet fuq il-malti, iktar minn kullħadd, Stumme li kif jingħad ġie Malta sabiex ikun jista' jitħaddet aħjar fuq l-ilsien u l-ħwejjeġ ta' Malta u kullħadd jaf li Stumme, fil-ktieb tiegħu fuq l-ilsien malti, ma meriex lil Gesenius.

Xi jwieġbu l-Maltin għal dan? Fuq Gesenius tħaddet is-Sur A. E. Caruana (3) u qal li l-għaref Gesenius, fix-xogħol tiegħu, wera li ma jafx biż-żejjed il-malti. Tabilħaqq, il-malti ma hux ilsien għani fil-kotba qodma jew b'xi fdal qadim ta' kitba maltija: għalhekk ma hix ħaġa kbira li wieħed, bħal Gesenius,

(1) Il-malti ma jistâx ikun persjan. L-ewwelnett il-għaliex il-malti huwa *semi* u l-persjan huwa *Arjan*, jiġifieri l-malti u l-persjan ma humiex ta' nisel wieħed, għalhekk ma jistgħux jiġu minn xulxin. It-tieni il-għaliex il-Persjani qatt ma ħakmu jew kellhom x'jaqsmu magħna, għalhekk l-ilsien tagħhom ma setâx jinżera' f'qalbna. It-tielet il-għaliex min qal li l-malti huwa persjan tqarrak billi l-kliem li ġieb biex juri li huma bħall-malti ma humiex kliem persjani imma għarab li daħlu fil-Persja mad-din tal-Muħammed. Għalhekk il-persjan u l-malti għandhom mill-għarbi imma l-malti u l-persjan ma għandhomx x'jaqsmu bejniethom.

(2) Jiġifieri mhux li *huma* imma li *jitħaddtu* għarbi: bħal ma huma l-lum is-Siri (Xamin), il-Kopti (Eġizzjani) u n-nies kollha ta' l-Affrika ta' fuq. (Mogħrobini, Tripolini, Marokkini etċ.) li ma humiex minn nisel għarbi iżda jitħaddtu l-ilsien għarbi.

(3) Ant. Em. Caruana: *Sull'Origine della lingua Maltese, studio storico, etnografico e filologico" Malta 1896 p. 20 s.*—Dan huwa wieħed minn l-aħjar kotba li għanna fuq l-ilsien malti. Iżda x-xgħolijiet li saru fuq l-ilsna *semin* minn tletin sena 'l hawn huma kbar ħafna u l-ħwejjeġ tbiddlu mhux ftit. Għalhekk il-ktieb tas-Sur Caruana huwa ftit l-ura, u ħafna ħwejjeġ ma humiex iżjed miżmuma, bħal ma hija min fejn ġew is-semin, in-nisel u l-għana ta' l-ilsien għarbi u oħrajn.

ma kienx jaf biż-żejjed il-malti. Għal Brockelmann nistgħu ngħidu li, kif jistqarr hu waħdu, (4) il-malti li jaf ħadu minn Stumme u minn Vassalli u li barra minn dawn ra xi kotba maħruġa f'Malta li jinsabu fil-Bibljoteka ta' Berlin (5). Għalhekk minngħajr ma niċħdu lil Brockelmann il-qawwa tiegħu fl-ilsna semin (6) ingħaddu għal Stumme u dak li ngħidu għal dan ikun jiswa wkoll għal l-ieħor.

Stumme, kif jingħad, ġie Malta; milli jidher ma' damx fostna ħlief ftit xhur u malli reġa' għall-Ġermanja kiteb mhux biss fuq l-ilsien malti iżda wkoll fuq il-*folk-lore* tagħna. Jekk huwa għamel bħal ma jagħmlu ħafna fl-Orjent, ma naħsibx li tgħallem ħwejjeġ kbar fuqna. Dawn għandhom drawwa li jatu xi ħaġa lil xi erbgħa min-nies sabiex igħidulhom dak li huma jixtiequ jkunu jafu; u għalhekk joqogħdu jistaqsuhom ħafna ħwejjeġ li dawk mhux dejjem ikunu jafu; u biex ma jgħidux ma nafx, jew biex

(4) Carl Brockelmann: *Grundriss der vergleichenden Grammatik der semitischen Sprachen." I. Band. s. 28.*—

(5) Il-kotba bil-Malti li jinsabu fil-Bibljoteka ta' Berlin huma:
1. Il Hajja u il vinturi ta Robinson Krusoe ta York miktuba minnu in-nifsu, stampata it-tieni darba, Malta 1857.
2. Il Gifen Torc canto epico Maltese di N. N., Malta 1855.
3. Gesù Cristu fid-dinja, Malta 1861.
4. L'iben il Hali, Malta 1862.
5. Il Carnival Zuieg la Maltia. Tassena l'ahna fia. Mictub min dilettant. Li bill malti jichteb *(sic)* cull tant f'Malta. s.a.
6. L'euuel t'April, scherzo comico di P.P.C., Malta 1861.
7. Hrejjef, ovvero saggio di favole morali in versi scritti in lingua maltese (di G. A. Vassallo), Malta s. a.
8. L'erbgha fost il gimgha, farsa Maltese in due atti di Carmelo Camilleri, Malta 1858.
9. Fuq il hajja u il meut tassitta u ghoxrin martiri tal Giappone u ta S. Michele de Sanctis, Spagnol, canonizzati mil Cnisia cattolica fil pentecoste *(sic !)* tal 1862 (8 Giugno), mictub l'euuel darba mil P. Benigno Fremaut M. O. u mittalian migiub bil Malti min Annibale Preca, Malta 1862.
10. Ghal Chitarra ossia collezione di nuove poesie Maltesi sul gusto delle popolari, Malta s. a.
11. Storia ta Malta mictuba ghal poplu min G. A. Vassallo Malta 1862.

(Ap. Brockelmann l. c., p. 28).

Li kieku l-Maltin kienu jiktbu ftit suret in-nies u fuq kollox b'fehma waħda l-iktar għall-Ortografija, kieku jagħmlu ġieh iżjed lil Malta mita l-kotba tagħhom jiġu mqegħdin f'Bibljoteki bħal ta' Berlin!

(6) Wieħed minn ulied Noħ (Noè) huwa Xem (Gen. 10-1) kelma lhudija li tfisser "isem." Minn Xem ġej l-isem Sem u Semita jew Semin. Semi immela ġie msejjaħ in-nisel ta' Sem u l-ilsien li jitħaddet. Xi wħud bil-malti, iħawdu *Semi* ma' *Xami*. Dan ma għandux ikun. Xam hija l-belt ta' Damasku (fis-Sirja) u għalhekk Xami jfisser tas-Sirja kollha kemm hija bil-Palestina. Kull Xami huwa Semi jiġifieri min-nisel ta' Sem, imma hemm semin li ma humiex Xamin bħal ma huma l-Għarab ta' l-Iraq u tal-Għarabja.

ifittxu jeħilsu, jaraw x'jibdew ifasslu! Min ikun qiegħed jistaqsi, jikteb b'reqqa kbira dak li jkun sama' u nbagħad arah joħroġlok il-kotba fuq fejn ikun żar. Dawn aktarx ikunu samgħu dak li kitbu minn xi nies baxxi, il-għaliex dawk għandhom inqas influwenza ta' ħwejjeġ ta' barra minn l-oħrajn! Kif għamel Stumme ma nafx, naf biss li daħħak lil ħafna nies minn fuq spallejna fil-*folk-lore* tiegħu. Fuq l-ilsien malti nbagħad ta' min ikun jaf li Stumme qatt ma kien imsemmi bħal ma kien Gesenius jew bħal ma huwa Brockelmann għal l-ilsna semin. Għalhekk jidhirli jekk il-Maltin jinxeħtu fuq il-malti jistgħu iktar minn ħaddieħor jaslu fejn wasal Stumme u jagħmlu mhux bħalu iżda aħjar minnu wkoll. Bdin il-fehma aħna sejrin ingħidu xi ħaġa lil dawk l-aħwa Maltin li jixtiequ jaraw il-malti aħjar milli huwa.

Qabel xejn jidhrilna li hemm bżonn ta' dizzjunarju tal-malti, magħmul suret l-ilsna semin. Is-Sur A. E. Caruana barra s-sabiħ ktieb tiegħu li semmejna fuq, kien għamel ukoll: "*Vocabolario della lingua Maltese*" (Malta, 1903) li ħaqqu wkoll kull tifħir, il-għaliex daħħal fih sura semija. Fdan id-dizzjunarju, il-kliem Malti huwa miġbur mhux bl-ittri li tibda l-kelma iżda bl-egħruq tal-kliem li fl-ilsna semin kollha tinsab fil-verb. Mita aħna rridu nfittxu f'dizzjunarju: *firex*, *jifrex*, *mifrux*, *friex*, *ferrex*, *infirex*, *ferriex*, etċ. għandna qabel xejn naraw xinhuwa għerq il-kelma "*firex*" u taħt din insibu l-oħrajn kollha. Fid-dizzjunarju tas-Sur Caruana żewġ ħwejjeġ biss ma jogħġbuniex: l-ewwelnett jidhrilna li l-għerq tal-kelma kellu jinkiteb u jiġi mfittex bla vokali "*F.R.X*". Il-għaliex xi minn daqqiet ma nafux sewwa jekk il-vokali hi *a* jew *e*; jew aħjar min igħid *a* u min igħid *e* etċ. Għalhekk l-aħjar li jitqiegħdu l-konsonanti ta' l-għerq *F.R.X* u taħthom l-ewwel jiġu s-suriet tal-verb, inbagħad in-nomi etċ. It-tieni ħaġa hija li s-Sur Caruana mita jġib il-għerq semi li jixbah il-kelma maltija jdur dejjem fuq il-Lhudi; kulltant fuq is-Sirjak, ftit ferm fuq il-Għarbi; f'ħafna kliem ma jġib xejn; u f'dawk li jġib hemm ħafna żbalji (ta' l-istampa [?]). Dan ma hux għax is-Sur Caruana jati kemm jista' l-ġenb lill-għarbi? Għalhekk aħna nixtiequ ferm li jsir dan id-dizzjunarju bl-egħruq tal-kliem, magħmula minn Konsonanti biss bħad-dizzjunarji semin; u li wara kull għerq tiġi miktuba l-kelma bil-għarbi, feniċju, puniku, jekk ikun hemm. Jekk, inbagħad, il-kelma ma tinsabx f'dawn għandna naraw mnejn hija ġejja. Mita dan ix-xogħol ikun lest, aħna nkunu nistgħu nitgħallmu aħjar il-malti. Inkunu nafu aħjar it-tifsir ta' kull kelma u nkunu nistgħu naraw aħjar jekk fil-malti hemmx iżjed kliem għarbi, feniċju jew ta' lsien ieħor.

Iżda l-kliem biss ma jagħmilx l-ilsien, naħtieġu wkoll Grammatka li mhux biss turina kif għandna niktbu, iżda wkoll kif għandna nfissru bil-kliem il-ħsibijiet tagħna. Għawnhekk ukoll hemm bżonn li aħna nqabblu l-malti ma' l-ilsna li minnhom aktarx huwa ġej.

Mil-liema ilsna huwa aktarx imnissel il-malti? Biex wieħed iwieġeb għal din il-mistoqsija għandu jkun tgħallem sewwa d-diżzjunarju u l-grammatka maltija u xebbahhom ma' dawk l-ilsna ta' nies li kellhom x'jaqsmu magħna. Is-Sur A. E. Caruana fil-ktieb li semmejna fuq, "*Sull' Origine della Lingua Maltese*" (Malta 1896) fetaħ it-triq it-tajba sabiex naslu u naraw dil-ħaġa. Dan ix-xogħol tas-Sur Caruana juri biż-żejjed li huwa ħadem ferm u li kien jaf kemm kienu għaddejjin il-quddiem l-ilsna semin. Iżda, kif għedna, minn tletin sena 'l hawn il-ħwejjeġ tbiddlu ħafna u għalhekk bosta milli jgħid is-Sur Caruana għandhom jiġu mibdula. Mhux għalhekk il-ktieb ma jibqâx jiswa ħafna, l-iktar billi huwa wriena, iktar minn ħaddieħor, kif l-ilsien għandu jiġi mgħallem fuq il-Ġrajja tal-Gżejjer tagħna. Li kieku dawk li marru jgħidu li l-malti huwa persjan żammu quddiem għajnejhom il-Ġrajja ta' Malta u tal-Persja u raw li n-nies tal-Persja qatt ma ħakmu jew kellhom x'jaqsmu magħna kieku kienu għal l-anqas jaħsbu ftit ieħor kif qatt l-ilsien Persjan seta' jinbet hawnhekk. Daqshekk nistgħu wkoll ingħidu għas-Sur Annibale Preca, li ħadem ħafna għal l-ilsien malti. Iżda huwa qal li l-malti huwa lsien Kangħani (7). Il-Kangħanin li fis jissemmew fil-Kotba Mqaddsa aktarx huma l-Feniċi: iżda s-Sur Preca minn kliemu jidher li taħt l-isem Kangħanin jifhem il-Lhud. Il-feniċju huwa qrib ħafna tal-lhudi imma ma humiex ilsien wieħed. Għalhekk jekk is-Sur Preca jaħseb li l-malti huwa lhudi jidhrilna li tqarraq, il-għaliex Malta qatt ma kellha xtaqsam mal-Lhud. Ix-xebh li hemm bejn il-malti u l-lhudi huwa ġej minn dan li l-malti kif il-lhudi huma semin, imma ma humiex imnizzlin minn xulxin. Min dan nistgħu naraw kemm hija ħaġa ta' ġid li wieħed isib it-triq it-tajba bħal ma għamel is-Sur Caruana. Iżda ssib it-triq it-tajba ma jfissirx timxiha sewwa! Nidħlu għalhekk aħna wkoll fit-triq li wriena s-Sur Caruana u nġibu quddiem il-għajn-

(7) Kangħan hija dik il-biċċa tas-Sirja li l-lum hija msejħa Palestina minn l-isem tal-Filistin. Fiha għammru ħafna nies li ma humiex semin, bħall-Hatti, Filistin, Eġizzjani u oħrajn. Is-semin li għammru l-Palestina huma l-Feniċi, il-Lhud, u oħrajn. Aħna kenna x'naqsmu biss mal-Feniċi minn dawn kollha.

ejn dawk in-nies li għammru, ħakmu, jew kellhom x'jaqsmu mal-Maltin.

Min għammar l-ewwel nies Malta? Sa issa għad ma nafux sewwa. Nafu li min ġie l-ewwel ħalla warajh bini u qtigħ fil-blat li jgħaġġeb lil kullmin jarah. Dawn in-nies ġew f'dak iż-żmien li l-lum jissemma' "Tal-Ħaġar".... Mnejn ġew dan-nies, sewwa ma nafux, iżda l-lum jaħsbu li huma ġew min-naħa tal-Baħar l-Iswed ħdejn ir-Russja u telqu 'l hawn mix-xtut tal-lvant"(8). Dawn għammru f'Malta minn l-anqas elfejn sena qabel Kristu. Xi lsien kienu jitħaddtu? Billi f'dak iż-żmien ma kienx għadu nsab l-alfabet (9), għad li dawk in-nies kellhom, aktarx, xi ħaġa oħra biex iħallu bil-miktub dak li għamlu jew riedu, u billi aħna minn dan xejn ma sibna, ma nafux biex kienu jitħaddtu, iżda naħsbu li ma kinux jitħaddtu l-ilsien semi. Is-semin, mita bdew telgħin 'il fuq mill-Kaldëa u bdew jinqasmu, dawk li waslu fil-Mediterran huma l-Feniċi. Huma ma ħadux jedd fuq l-art li ġiet imsejħa minn isimhom (10), qabel 2,500 sena qabel Kristu, u ma bdewx jiġġerrew fuq il-baħar, jekk mhux mita kibru u tqawwew ħafna. Għalhekk ma kinux huma li ħallewlna l-bini ta' Ħaġar-Qim, Mnajdra etc., il-għaliex huma ma waslux hawn qabel 1,500 Q.K. Aħna naħsbu li huma kienu jitħaddtu Miċenjan (Arjan), bħal ma kienu jitħaddtu fil-Greċja, l-Asja iż-żgħira, u ma' dwar il-Baħar l-Iswed mnejn aktarx ħarġet ir-razza bajda (11). Iżda billi dawn in-nies li ġew Malta ma setgħux kienu ħafna u billi Malta waqet taħt il-Feniċi kmieni u damet taħt idejhom ħafna, l-ilsien miċenjan aktarx spiċċa għal kollox mill-malti.

Wara dawn in-nies ġew il-Feniċi (Semin), il-Kartaġiniżi (aktarx huma semin imħallta) (12) sas-216 Q.K. Wara dawn ġew

(8) PROF. TEM. ZAMMIT, fis-sabiħ ktieb tiegħu: *"Il-Gżejjer ta' Malta u l-ġrajja tagħhom"* Valletta 1925 p. 11 s.

(9) L-iktar kitba qadima li nsabet sal-lum hija dik li sab is-sur Montet fl-1923 ġewwa Biblos (Gebail), 'il fuq minn Bejrut fis-Sirja: hija ma titlâx iżjed minn l-1400 qabel Kristu.

(10) Il-Feniċja hija dik il-biċċa tas-Sirja li qiegħda bejn il-Mediterran u l-Muntanji. Nistgħu ngħidu li tibda minn Ðor (Tantura) 'il fuq minn Ċesarëa u tibqa' tiela 'l fuq Hajfa Tir, Sajda, Bejrut, Gebajl, Tripli.

(11) Is-semin huma wkoll tar-razza bajda. Iżda huma ġejjin aktarx min-naħa tal-Golf-Persjan, bejn id-desert ta' l-Għarabja u l-Kaldëa.

(12) Il-Kartaġiniżi kienu qata' Feniċi li rebħu Kartaġni (Tunes) u waqqfu hemm saltna ġdida. Huma ma qatlux lil kull min sabu iżda tħalltu man-nies li kien hemm qabilhom, l-ilsien ukoll tagħhom tħallat u ma baqâx jissejjaħ iżjed feniċju imma puniku.—puniku u feniċju hija kelma waħda għaliex il-P. u l-F huma ittra waħda fl-ilsna semin iżda l-lum mita ngħidu Feniċju nifhmu l-Feniċi tas-Sirja u mita ngħidu Puniku nifhmu il-Feniċi ta' l-Affrika.

ir-Rumani, li damu Malta sa ma waqgħet is-saltna tagħhom, u wara r-Rumani—inħallu 'l-Goti u 'l-Vandali—insemmu 'l-Bizantini, li fis-sena 870 ħallew Malta lis-Saraċini li damu Malta mal-200 sena. Wara s-Saraċini Malta ma kellha qatt iżjed taqa' taħt is-saltna ta' l-Orjent; iżda mhux għalhekk Malta ma kellhiex xtaqsam iżjed ma ħutha tal-bieraħ. Taħt l-Ordni tal-Kavalieri, Malta kellha fis rebħ fuq in-Nofs Qamar u dan ir-rebħ kien idaħħal fiha qtajjiet kbar ta' rsiera li mħabba fid-din tagħhom, jekk ma kinux Għarab, kienu jkunu jafu sewwa l-għarbi (13). Dawn kienu xi minn daqqiet isiru nsara, jew jeħilsu mill-jasar u jekk jibqgħu Malta jitħalltu mal-Maltin. L-Ordni kien ġieb miegħu Griegi, u huwa kellu wkoll kull xorta ta' nies minn l-Ewropa. Iżda l-kliem li daħlu fil-malti minn l-ilsna arjani jistgħu jiġu magħżulin bla taħbit kbir.

Dan huwa fi ftit kliem dak li għandna nżommu quddiem għajnejna mill-Ġrajja ta' Malta sabiex inkunu nistgħu nitħaddtu sewwa fuq l-ilsien malti. Il-malti ma jistâx ikun imniżżel ħlief minn dawk l-ilsna tan-nisel li għammru, ħakmu jew kellhom x'jaqsmu magħna: jiġifieri [Miċenjan], Feniċju, Puniku, Latin, Grieg, Għarbi, Neo-latin.

Liema minn dawn l-ilsna kollha huwa li jagħmel il-*fond* ta' l-ilsien malti? Fi kliem ieħor, il-malti huwa lsien semi (Feniċju, Puniku, Għarbi), jew arjan (Latin, Grieg, Neolatin)? L-ewwel naraw jekk nistgħux ingħidu li l-malti għandu *fond* arjan li ġie fuqu miżjud kliem semi. Naħseb li lê. L-ewwelnett il-għaliex il-kliem latin (14), grieg (15) u neolatin, l-iktar taljan, huwa ftit ħafna jekk nlaqqgħuh mal-kliem semi. It-tieni għaliex il-malti fil-għamla tiegħu huwa semi u mhux arjan. Mita fil-malti tidħol kelma arjana hija tgħaddi mill-għamla tagħha għall-għamla tal-kliem semi. Jekk aħna ngħidu "*nirċievi*," il-għamla hija semija bħal "*niġri*", iżda l-kelma hija arjana: "*ricevere*". Jekk aħna ngħidu "*uzijiet*" il-għamla hija semija "*drawwiet*", iżda l-kelma

(13) Il-Għarbi huwa l-ilsien Imqaddes għall-musulmani kollha. Kull musulman għandu jkun jafu għax kull jum għandu jaqra biċċa mill-Qoran.

(14) Bħal ma huma: Straman=*extra mœnia*, fellus=*pullus* (P, kif għedna fuq fis tinbidel mal-F il-għaliex hija ittra waħda fl-ilsna (semin) qattus=*gattus* (G fis tinbidel ma' q. Fil-Mosopotamja igħidu *galb* flimkien ma *qalb* etc.—*Qattus* fil-Għarbi huwa *qatt*. Iżda fil-malti imħabba us aktarx ġej mil-latin *gattus*).

(15) Il-kliem grieg fil-malti huma bil-wisq iżjed minn dak li ħafna jaħsbu. Iżda billi tbiddlu ħafna fil-malti, biex infissirhom waħda waħda niġbet wisq fit-tul. Nittama li xi darba għad nitħaddet fuqhom biss.

hija arjana "*uso usi*" (16). L-iktar għamla li qegħdin nitilfu—mhux biss aħna iżda s-semin ukoll—hija "in-nom relativ." Nom relativ, fl-ilsna semin, jissejjaħ dak l-aġġettiv li jiġi magħmul minnom, billi nżidulu *i*, bħal "*baħar*" isir "*baħri, baħrija*" ħaġa talbaħar; "*Malta*, issir *Malti, Maltija*", wieħed minn Malta. Illum aħna ngħidu "*Ruman*" minn Ruma, minn flok "*Rumi, Rumija*", etċ.... "*Franċiż*" minn Franza, flok "*Franġi.*" Fl-Orjent għadhom igħidu sal-lum Rumi, Franġi; *Ruman, Franciż* ħadnihom mit-taljan.

Minn dan jidher biċ-ċar li l-*fond* ma hux arjan, li l-kliem arjan jiġi mdawwar għall-għamla semija, imma l-*fond* huwa semi: għalhekk il-malti huwa semi u ma jistâx ikun imnissel ħlief millgħarbi, feniċju, jew puniku.

Fl-aħħarnett fadlilna ngħidu jekk il-malti għandux iżjed mill-għarbi, jew inkella mill-feniċju jew puniku. Hawnhekk nilqa' ruħi minn quddiem u nistqarr li t-tagħlim tal-malti għadu ma kiberx biż-żejjed sabiex jati tweġiba li togħġob lil kullħadd. Qabel ma jsir dak li għedna fuq, ma jistâx ikun li wieħed jista' jgħid sewwa jekk il-malti huwiex iktar għarbi jew feniċju jew puniku. Aħna nittamaw li jekk kullħadd jagħmel minn l-aħjar id-dmir tiegħu sabiex l-ilsien malti jgħaddi 'l quddiem, din ittweġiba tkun tista' tinqata' f'qasir żmien. Jekk aħna naslu sabiex nuru sewwa x'baħar hemm bejn il-għarbi u l-malti nkunu wrejna biż-żejjed li l-malti mhux għarbi u jekk ma huwiex għarbi ma jistâx ikun ħlief feniċju jew puniku: u billi dawn iż-żewġ ilsna—jew aħjar ilsien wieħed bi djalett—ma humiex wisq magħrufa, ilmalti jkun jiswa ħafna sabiex igħarraf hom iżjed.

Nistħajjel li xi ħadd igħidli li minn kull ma għedna jidher biċ-ċar li l-malti huwa taħlita minn ħafna ilsna oħra? U x'jista' qatt jiswa lsien li ma huwiex ħlief taħlita?

Iżda jidhirli jien li nista' nwieġeb hekk. Il-malti ma huwiex għal kollox taħlita: għandu żgur *fond* semi, u t-taħlit ġej biss minn xi kliem li billi ilu ħafna f'ilsienna ma jistâx jinqala' iżjed. U billi għandna f'ilsienna xi kliem ta' dawk in-nies li kellhom

(16) Iż-żewġ kelmiet huma meħudin mit-taljan. Fiż-żmien imsejjaħ tar-"*Rinascenza*" mita l-Papa kellu setgħa kbira fuq is-slaten kollha ta' l-Ewropa, l-ilsien taljan kien miżmum wisq iżjed fil-għoli mil-lum. Għalhekk aħna nsibu kliem taljan (safi, u mhux latin), imdeffes fil-franċiż, spanjol. tedesk, ingliż etc. Taħt l-Ordni f'Malta l-ilsien taljan kien magħruf iktar minn kull ieħor u minn dak iż-żmien ma qata' qatt f'Malta. Ma hix għalhekk ħaġa kbira li l-malti għandu jżomm fih xi kliem taljan bħal ma żamm kliem latin, grieg u aktarx oħrajn ukoll. Liema lsien jista' jissejjaħ il-lum għal kollox safi?

x'jaqsmu magħna, ma hix ħaġa li kullħadd għandu jistenniha? L-ilsien malti huwa l-ikbar xhud tal-Ġrajja ta' Malta. Jekk Malta kellha Ġrajja kbira, għax kellha x'taqsam ma' ħafna nies, l-ilsien malti għandu jġib fih din it-tifkira billi jkollu xi fdal ta' dawk li magħhom kellna x'naqsmu. Ma setâx igħid aħjar Wolff mita mar jikteb li "kull ilsien huwa l-Ġrajja ta' niesu" "*Biography of a Nation*" u Benfey li "l-ilsien huwa l-isbaħ pittura tar-ruħ tan-nies, il-ġabra ta' dak kollu li ġiebu sabiex jieħdu riedhom f'idejhom": "*Speech is the truest picture of the soul of a people, the content of all that which has brought a people to self-consciousness.*" Ma għandniex għalhekk għax immaqdru l-malti jekk niktbuh xi ftit imħallat. **Jiena jidhirli li jew il-malti ma huwa lsien għalih xejn; jew, jekk huwa lsien għalih, sar hekk billi kellu x'jaqsam ma' ħafna ilsna oħra, u xebbah dak li ħa minnhom mal-*fond* li kellu, u sar ilsien għalih.**

Għalhekk nitgħallmu l-malti bl-imħabba. Hu xinhu, hu ilsien missirijietna! Din ma hix ħaġa li nagħmluha kif irridu aħna: dak sibna, jekk ma jogħġobx nagħmlu kemm nistgħu biex isir jogħġob. Hu dmir ta' kull Malti li jagħmel dak li jista' sabiex l-ilsien tagħna jikber u jkun għalina l-Maltin rabta bejnietna bħal aħwa u rabta mal-għażiża art twelidna, Malta!

**P. Serafin M. Zarb O. P.**

## *NAĦA* JEW *NAĦĦA?*

Fil-"Malti" tinkiteb dejjem *naħħa*, bit-tieni għerq imtenni; imma ħażin. L-ewwelnett il-ħoss, li aħna natu lill-kelma *naħa*, hu b'*ħ* waħda, m'hux bi tnejn. Targa', il-plural jagħmel *nħâwi* jew *naħiet*. Dan juri li l-kelma għandha *ħ* waħda, m'hux tnejn. Il-kelma *naħħa* kienet tatina plural bħal *naħaħ* (1). Fl-aħħar, *naħa* ġejja mill-għerq dgħajjef *naħw*; il-*w* għabet għal kollox barra mill-plural *nħawi*. It-tieni sura *neħħa* għandha *isem il-għamil* tagħha *tinħija*, u m'hux *naħħa*.

**Sajdun.**

(1) Ara t-*Tagħrif* faċċ. 75 għadd 9.

# X'JISWA L-MALTI

Mindu ħareġ il-"Malti", ġietni xewqa kbira li jiena wkoll ingħin lil dawn ir-rġiel, li qegħdin jaħdmu għall-ġieħ ta' lsienna, l-aktar billi nikteb xi ħaġa ta' fejda, għall-ġid u għat-tagħlim ta' min jaqraha. Imma issa ħaġa u issa oħra, qatt ma qbadt nikteb, u ħabbilt moħħi wkoll ħafna fuqiex sejjer nikteb! Ħsibt u rajt li ma stajtx nagħmel ħaġa aħjar ħlief li nuri l-ħtieġa u l-għajnuna li jatina l-lsien tagħna. U dan il-malti għal fejn nitgħallmuh? X'jista' jiswielna? Għal fejn noqogħdu nħabblu moħħna fuqu? Hekk sejrin ilabalbu l-egħdewwa ta' lsienna, u dawk li m'humiex egħdewwa wkoll. Dan li sejjer nikteb ikun tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet.

Bil-malti ma naqalgħux ħobż, mela għal fejn nitgħallmuh? Huwa l-bniedem igħix biss bil-ħobż? Huwa l-bniedem barra minn ġismu ma għandux ukoll ruħu, li jixraq li jżejjinha bil-għerf. Il-għerf fi żmenijietna kiber wisq, l-aktar fuq il-ġrajja u l-ilsna tal-lvant. Fi żmenijietna, il-għorrief ta' l-Ewropa marru fil-Palestina u fil-Mesopotamja, u hemm, fost il-ħerba, sabu l-fdal ta' bliet kbar, u kotba, u djar u minn kollox. U billi l-kotba mqaddsa, li għandna, ġejjin mil-lvant, hekk ukoll kiber it-tfittix u l-għerf fuq il-kotba mqaddsa. U hawn naraw kemm jiswa l-malti għal dan it-tfittix. Qabel xejn, il-lsien li bih huma miktubin il-kotba tal-Għaqda l-Qadima huwa l-lsien lhudi. U dan il-lsien lhudi hu lsien xami li jixbah wisq lill-malti tagħna, u għalhekk aħna l-Maltin nitgħallmu l-lhudi bl-akbar ħeffa, u meta wieħed jaf il-lsien lhudi sewwa jista' jifhem aħjar il-kotba mqaddsa. Mhux dan biss, imma l-ilsna l-oħra tal-lvant, bħal ma huma l-babiloniż, is-sirjak, l-aramajk, kollha jixbhu l-Malti. Inġibu xi kelmtejn bil-babiloniż, il-lsien ta' dik il-belt li fil-qedem kienet tbażża' d-dinja bil-qawwa tagħha, biex taraw is-sewwa. Bil-babiloniż omm hi *ummu*, għoġol *agalu*, oħt *aħotu*, ħu *aħ*, lsien *lisanu*, kelb, *kelbu*, Qegħdin taraw kif il-babiloniż, wieħed minn l-eqdem ilsna xamîn, jixbah lill-malti tagħna!

Imma biex wieħed jitkixxef fuq in-nies u l-ġrajja tal-lvant, mhux biss jeħtieġlu jkun jaf l-ilsna tal-lvant, imma wkoll jeħtieġlu li jkun jaf jaqrahom sewwa. Meta l-ewwel darba mort nitgħal-lem bil-lhudi, is-surmast staqsieni jiniex Malti, u mita għidtlu "iva", kalli li jien stajt naqra l-lhudi aħjar ħafna minn sħabi,

billi l-malti lsien xami. U jiena rajt malajr li hu kien qal is-sewwa, għaliex sħabi l-Ingliżi u l-Ġermaniżi tgħallmu jgħidu sewwa l-*h* (hè) u l-*ħ* (ħet) imma ħadd minnhom qatt ma tgħallem igħid il-*għajn* u l-*qof*. U kemm-il darba l-għorrief żelqu fin-niexef, u tqarqu bl-ikrah imħabba f'xi ittra li ma qrawx sewwa. Hekk dari kienu jaħsbu li l-*profeta* Isaia kien bin *Amos*, profeta wkoll, għaliex Isaia jissejjaħ bin *Amos* imma għorrief oħrajn, li kienu jafu jaqraw il-lhudi sewwa, raw li dan ma kienx minnu, għaliex isem missier Isaia hu wieħed *Amoż*, fil-waqt li isem il-profeta hu *Għamos*. U dan ma kienx ħlief wieħed minn dawk l-iżbalji li ħadu l-għorrief!

Il-lsien malti, mhux biss igħinna nitgħallmu malajr il-lhudi u l-ilsna l-oħra tal-lvant, imma jgħinna wkoll biex nifhmu xi kliem b'dawn l-ilsna, li billi l-lum mejtin, ma jistâx jiftiehem sewwa. Darba waħda konna qegħdin infissru mil-lhudi l-profeta Isaia, u ġietna l-kelma *qippod*. Is-surmast qal illi l-għorrief ma kinux jaqblu fuq it-tifsir ta' din il-kelma lhudija, imma li aktarx kienet tfisser bhima bix-xewk. Hawn jien ħarist lejn sieħbi, Malti bħali, (1) u għedt lis-surmast li aħna Malta għandna bhima bix-xewk li nsejħulha *qanfud*. Mela *qippod* m'hix ħlief il-qanfud, biss aħna daħħalna *n*, u biddilna l-*p* f'*f*.– żewġ ittri li ta' sikwit jitbiddlu. Hekk daħħalna wkoll *n* fil-lhudi *ħażir* u għamilnieh *ħanżir*. U hawn intbaht li ħafna kliem malti m'hux ħlief kliem lhudi b'*n* miżjuda. U dan għenni ħafna fl-istudju tal-Bibbja.

Ara kemm hu hekk.

Mita konna qegħdin infissru l-ktieb tal-Genesi, u ġejna fejn igħid li Alla kien għadu ma bagħatx xita fuq l-art, imma kien jitla' l-*ed* u jsaqqi l-art kollha, inqalgħet taħwida fuq il-kelma lhudija *ed*. S. Ġlormu, fil-Volgata, fissirha u qal *fons* jiġifieri *għajn*. Imma s-surmast tagħna (2) kien igħid li tfisser *fwar*. Jien ħsibt u rġajt ħsibt, żidt dik l-*n* tal-malti u ġiet *ned*; *ned* tixbah lill-kelma maltija *nida*, u għedt: hawn aħna, *ed* hija *nida*, li f'dak iż-żmien kienet issaqqi l-art flok ix-xita. Hekk il-malti kien għajnuna kbira għalija!

Mhux biss. Min irid imur fl-artijiet tal-lvant għat-tfittix li semmejna fuq, ikollu x'jaqsam man-nies ta' dawk l-artijiet, li l-biċċa l-kbira huma Għarab u jitkellmu bil-għarbi. Issa l-għarbi jixbah ħafna lill-malti u aħna l-Maltin nitgħallmuh f'radda ta'

(1) Dun Karm Zammit tan-Naxxar.

(2) P. E. Mechineau S. J. (Alla jaħfirlu).

salib, u għalhekk, wieħed ikun jista' jitkellem ma' dawk in-nies u jifhimhom bla ma jħallihom iqarrqu bih. Hawn il-malti jgħinna wkoll.

Huwa l-malti għat-tiżjin ta' moħħna u għall-għerf biss igħinna? Bil-malti ma naqalgħux ħobż? Min igħid hekk, ikun qiegħed jitqarraq bil-bosta. Għal dak li għidna fuq—li l-malti jixbah l-għarbi u li għalhekk aħna l-Maltin malajr nitgħallmu l-għarbi—kemm maltin qegħdin jaqilgħu ħobżhom mal-Għarab fl-Alġerija fit-Tunisija, (u kienu fit-Tripolitanja) u fl-Arabja u fl-Afrika wkoll!

Mela l-malti jiswielna għal kollox, jiswielna għal ruħna, jiswielna għal ġisimna, u jekk ma kienx hekk, il-malti għandna nħobbuh, ingħożżuh u nitgħallmuh, għax hu l-ilsien tagħna, l-ilsien ta' art twelidna, l-ilsien ta' ommijietna, l-ilsien li hu wieħed minn l-eqdem tad-dinja, li bih għedna l-ewwel kelmiet ta' ħajjietna.

**Dun Pietru Pawl.**

# DWAR IL-KELMA "LAĦWA"

Din il-kelma "laħwa" ninqdew biha biex insejħu lil sħabna f'daqqa jew lil xi miġimgħa ta' nies mita nkunu rriduhom jifthu widnejhom għal dak li nkunu sejrin infehmuhom. Xinhi din il-kelma "laħwa"? Hi miktuba sewwa hekk? Jew trid tinkiteb "l-aħwa"?

Din il-kelma ninqdew biha bħala sejħa (vocativo) u miktuba *l-aħwa* jiġi li fiha żewġ kelmiet, waħda minnhom b'bixra ta' artiklu: Huwa fil-vokattiv jidħol l-artiklu? Aħna mita nitkellmu ma' miġimgħa ta' nies, kif ngħidu? Ngħidu: *Maltin*, *Għawdxin*, *tfal*, *isimgħuna*, ma ngħidux: *il-Maltin*, *il-Għawdxin*, *it-tfal*, *ersqu isimgħuna*. Jiġifieri ma ninqdewx bl-artiklu. Mela l-ittra *l* ta' *laħwa* ma hix artiklu. Għaliex mela ngħidu *laħwa* u mhux *aħwa?*

Meta nsejħu nistgħu ninqdew bil-klejma *ja* u ngħidu *ja Maltin, isimgħuna*. Mela jistâx ikun li dik l-ittra *l* ta' *laħwa* qiegħda flok *ja*, u *laħwa* tfisser *ja aħwa?*

Immorru fuq il-għarbi. Hawn insibu li l-kelmiet *jatim jasir, jemin, jehudi, el-jum* isiru fil-malti *ltim, lsir, lemin, lhudi illum*, fejn l-ittra *j* tal-għarbi ssir *l* fil-malti. Insibu wkoll li fejn aħna nsejħu bil-kelma *laħwa*, il-Għarbi jsejjaħ bil-kelma *ja ħwa* mqassra minn *ja aħwa*. Mela għandna nifhmu u hi ħaġa ċara, li l-ittra *l* ta' *laħwa* ma hix artiklu; imma qiegħda hemm bħala taħsira u taqsira ta' *ja* u għalhekk il-ktiba ta' *l-aħwa* —fejn l-ittra *l* tista' tittieħed b'artiklu—ma hix tajba. Inqas ma hi tajba l-kitba ta' *l'aħwa* għax din tista' tittieħed bħala mqassra minn *la aħwa*, u hekk wieħed jista' jeħodha li għandna—waqt li ma għandniex—il-kelma *la* xort'oħra minn dik li nsibu fil-kliem: *la wieħed u l-anqas l-ieħor*. Jekk għandna niktbuha, l-aħjar niktbuha sħiħa "*laħwa*", inkella niktbu "*aħwa*" jew *ja aħwa* avvolja nkunu niktbu xort'oħra milli jingħad, basta b'Malti aktar tajjeb.

G. V.

* * *

Ma naħsibx li l-ittra *l* ta' *ltim, lsir, lemin*, etċ. kif ukoll ta' *laħwa* qiegħda flok l-ittra *j* ta' *jatim (itîm*, Tripli) *jasir, jemin* etċ. u ta' *ja* mal-kelma *aħwa*. Insibu li l-ittra *l* tingħaqad ukoll fi kliem ieħor li ma jibdiex bl-ittra dgħajfa *l*, sew kliem li ġej mis-semitku, kemm kliem ieħor li ġej mit-taljan jew minn l-isqalli, eż: *lanġas* (minn *anġas) lifgħa* (minn *ifgħa) labra* minn *ibra*) *lixka* (minn *esca) lasta* (minn *asta*) *labtu* (minn *abito*). Dan isir bħala żjieda (prostesi) ta' ittra *liquida* li dejjem iktarx *l* u kemm hu hekk naraw fil-kelma *nuċċali* biż-żjieda tal-liquida *n* flok *l per dissimilazione di consonanti* Cfr: *l*uċċa*l*i u *n*uċċa*l*i minn *occhiali*. Għandna għalhekk nifhmu li *j* bħala ittra dgħajfa tgħib mita *l* tingħaqad ma' dik il-kelma li iktarx f'oħrajn issibha tibda b'vokali.

Naqbel ma' G.V. li *l* hawnhekk mhi xejn artiklu u li għandha fl-*ortografija maltija* tidher magħquda għal kollox mal-kelma.

A. C.

# L-ISEM TA' GĦAWDEX

Kemm l-isem għandha l-gżira ġâra tagħna? Aħna nsejħulha *Għawdex* u magħna jaqblu l-Għarab. L-Ingliżi u t-Taljani jgħidulha *Gozo*. Bil-latin aħna nsejħulha *Gaudisium*; iżda r-Rumani kienu semmewha *Gaulos* jew *Gaulus*, hekk, fost l-oħrajn Pomponiu Mela, ġeögrafu latin, u b'dan l-isem ukoll insibuha f'qatigħ ta' iskrizzjonijiet misjubin Malta u Għawdex. Il-Griegi ukoll semmewha *Gaulos*, għal l-inqas hekk jidher fl-iskrizzjonijiet. Iżda l-Griegi kellhom isem ieħor, *Gaudos*. Fi ktieb ta' l-ewwel żmenijiet tal-Knisja, (1) insibu l-isem *Gaudomelete* jiġifieri *Għawdex ta' Malta*, jew *Għawdex ħdejn Malta*. Ma jistâx ikun hemm twegħir li *Gaudo* ma tfisserx *Għawdex*, għax il-kittieb żied il-kelma *Melete* biex jagħżel bir-reqqa kollha 'l *Gaudos* ta' ħdejn Malta minn *Gaudos* ieħor bogħod minn Malta. Jekk nibqgħu sejrin l-ura niltaqgħu ma' isem ieħor, ma l-isem feniċju *Gawl*, f 'iskrizzjoni feniċja tat-tieni jew tat-tielet seklu qabel Kristu.

Jekk wieħed jâti daqqa ta' għajn lejn dil-kotra ta' ismijiet qajla jintebah li huma kollha jiġu minn xulxin, kollha mnisslin minn ġidd wieħed. Nafu li *Gaulos* taqbel ma' *Gawl*, u li *Gaudisium* tixbah lil *Għawdex* jew *Gawdex*, imma kif jista' jkun li *Gozo* ġejja minn *Gawl*, li *Gaulos* tiġi minn *Gaudisium*?

Inwieġeb fil-qosor kemm nista'. Il-kelma *Gaudisium* mhix ħaġa oħra ħlief libsa latina tal-kelma maltija jew għarbija *Għawdex*. Biha jinqdew biss, sa fejn naf jien, il-Maltin. Il-kelma *Gozo* (*= God + so*) tidher imnissla minn *Gaudisium* jew minn *Gaudos*; f'waħda u fl-oħra jinsabu t-tliet għeruq *g.d.s.* U l-kelma *Għawdex* minn min hi ġejja? A. Preca jaħseb li hi ġejja mill-kelma lhudija *għadaxa* jew għarbija *għadasa* li tfisser *għazza*, għax Għawdex għandu l-għamla ta' għazza. (2). Ma naqbelx miegħu. Jien, minn għalija, il-kelma *Għawdex* hi l-kelma *Gaudos* taħt kisja għarbija. Il-Għarab igħidu u jiktbu *Gawdax* mhux *Għawdex* bħalna, u minn *Gaudos* sa *Gawdax* ma hemm xejn. Mela *Għawdex* jew *Gawdax* ġejja minn *Gaudos*. U *Gaudos*? It-tarf

(1) *Acta Petri et Pauli* fl-*Acta Apostolorum Apocrypha*, ed. Lipsius, Lipsiæ 1891, faċċ. 178, 2 u 181, 13.

(2) *Malta Cananea*, Malta, 1904, faċċ. 456.

*os* hu żjieda barranija li tâti lill-kelma sura griega, bħalma *Gawl* ħadet iż-żjieda ta' *us* biex issir latina: *Gaulus*. U hekk minn dawn l-ismijiet kollha ma jibqgħux ħlief *Gaud* u *Gaul*.

U dawn it-tnejn jiġu minn xulxin, jew mhumiex ħlief isem wieħed b'żewġ għamliet? Ix-xebh tagħhom jurina li huma kelma waħda, iżda kif tista' l-ittra *dentali d* tinbidel ma' l-ittra *liquida l*? Il-bidla qajla ssir, imma madankollu ssir u għandna eżempji li juruna bid-deher dil-bidla. Hekk il-verb latin *olere* jatina n-nom *odor*; *hedera* issir *ellera*, il-kelma latina *cadmia* ssir fil-latin mwaħħar *calamina*, fl-ingliż *calamine*, fit-tedesk *galmei;* il-kelma griega *daer* tidħol fil-latin u ssir *levir*, *dakruon* issir *lacryma*; *Odisseus* issir *Ulysses*. Nistgħu nżidu l-kelma għarbija *almâs* li saret fil-latin *adamas*, *diamant* (1). Jekk inħarsu lejn dawn l-eżempji, u lejn oħrajn li nistgħu nġibu, u lejn ix-xebh bejn *Gawd* u *Gawl*, xi jżommna li ma ngħidux li dawk l-ismijiet huma isem wieħed b'*d* imbiddla f'*l*?

Jista' wieħed jistaqsi: liema hu l-isem ewlieni li nissel 'il sieħbu? P. Schröder (2) jaħseb li *Gawd* jew *Gawdos* hu eqdem· Jien naħseb il-maqlub. L-isem Għarbi ta' *Gawdax* jurina li żmien il-ħakma tal-Għarab il-ġżira kienet tissejjaħ *Gaudos* mhux *Gaulos*. L-isem *Gaulos* naħseb li kien ilu li miet u ntesa.

**Sajdun.**

(1) Ara wkoll il-kelmiet sqallin: *Codduvirdi*, *Gaddazzu*, *Muddisa*, *Suppidizza* li fil-malti bħal fit-taljan jidhru b'*l* flok id-*d* = *Culuvert*, *Gallozz*, *Melliesi* (minn *molle* f'*lewż melliesi*) *Spillizza* (mil-Latin *super pelicium)*—[Nota tad-Direz: tal-"Malti"]

(2) P. Schröder. *Die phönizische Sprache; Halle*, 1869, faċċ. 105.

---

XERRDU

"IL-MALTI"

JEKK THOBBU T-TAGĦLIM TA' LSIENKOM

# IL-ĦAĠRA TA' MAJMUNA

Tinsab il-Mużew tal-Belt irħama li fuqha nkitbet fl-1173, tifkira tal-mewt ta' Majmuna, mara Għarbija, li mietet u ndifnet ix-Xewkija ta' Għawdex fil-ħâra li sal-lum għadhom igħidulha "ta' Majmuna." Il-baruni De Piru, fl-1845, bagħat din ir-rħama il-Bibljoteka u minn hemm ġiet il-Mużew.

Il-kitba ta' dil-ħaġra hija minn l-isbaħ, minquxa b'reqqa kbira; l-ilsien huwa għarbi u l-ittri huma ta' għamla qadima li tissejjaħ *kúfika*, għax kienet tinkiteb fil-belt ta' Kufa.

Dil-kitba tgħarrafna li xi Għarab, jew Saraċini, baqgħu Malta mal-100 sena wara li l-Konti Ruġġieru keċċa lill-kotra tal-Misilmin, għax ġiet miktuba fl-1173, mita nafu li l-Konti ġie hawn fis-sena 1090. Il-kitba għandha tliet taqsimiet; fil-bidu hemm bħal talba u tifħir 'l-Alla, nbagħad tiġi t-tifkira tal-mewt ta' Majmuna u fl-aħħar hemm biċċa poeżija, bil-versi mqabblin, xi għanja li kienet taf in-nies dak iż-żmien. Il-għarbi qadim ta' dil-kitba hu sabiħ u safi u jixbah wisq il-malti; il-kliem ħelu u jmiss il-qalb.

Ftit snin ilu, il-kitba fissirha b'reqqa kbira il-patri kabuċċin Gabriel d'Aleppo; kitibha lid-direttur tal-Mużew bil-għarbi u qalibha kelma b'kelma bit-taljan.

Hawn se' natu l-kitba kif tinqara bil-għarbi u wara t-tifsir tagħha bil-malti.

Il-kitba bil-għarbi tinqara hekk:

B'ism illah ir-raħman ir-raħim. Wa salla lahu għala n-nabi Muħammad wa għala alihi wa sallam taslima—Li allah għiżża wa el-baqan, wa għala ħalqihi katab el-fana. Wa lakom fi rasul allah wasijjat ħasanat.

Heda qabar Majmuna bint Ħassan bin Għali-el-Ħadli min Qabes Is-Susi. Tuffijat, raħmat allah għalajha, jawm el-Ħamis atisgħa għaxira min xahr Xahban el-Kabir min sanat tisgħa

wa settin wa ħamsa mijat. Wa hija taxhad ama la Illah ila Illah waħdu la xirarik lahu.

1. 'Onżor li nafsik ħal fil-ard min baqi,
Aw dafa' el mawt aw lil mawt min raqi.
2. El mawt aħraġani qasra faja asafi
Lam tanġini minhu athwabi wa agħlaqi.



3. Wa sirt maħna bi ma qaddamt min għamal
Moħsan għalaja wa ma ħallaftuhu baqi.
4. Ja min ra el-qabr anni qad banit bihi
Wat-turb għabbar aġfani wa amaqi.
5. Fi madġija wa maqami fil ba la għajbar
Wa fi noxuri iża ma ġa Ħallaqi.

Bil-malti tfisser hekk:

B'isem Alla l-ħanin, u sella għalih in-nibi (profeta) Muħammed u għal niesu u sellem għalihom tislima. Lil Alla il-kobor ta' dejjem iżda l-ħolqien tiegħu ried li jintemmu. Intom ta' dan f'rasul Alla għandkom xhieda sewwa.

Dan hu l-qabar ta' Majmuna bint Hasan, bin Alì il-ħadli, minn Gabes ta' Susa. Mietet, il-ħniena t'Alla għaliha, nhar il-Hamis fis-sittax tax-xahar Xahban il-kbir, fis-sena ħames mija u disgħa u sittin, u hi tixhed li ma hemmx Alla ħlief Alla l-waħdieni li ma għandux xirka.

1. Saqsi lilek in-nifsek, jekk hemmx fl-art min jibqa'
   Jew jitfa' l-ura l-mewt, jew jirqi (ifejjaq) il-mewt.
2. Il-mewt ħarġitni, jaħasra, minn ħajti l-qasira
   u ma ħelsunix minnha t-tjieba u l-ġabra tiegħi.
3. Kont bieżla f'għamili u kull ma għamilt
   mgħadud u jibqa'.
4. Ja min jara l-qabar li ġewwa fih jiena mibnija,
   it-trab għabbar ix-xfar u t-truf ta' għajnejja.
5. F'maqagħdi u f'dari xejn ħlief biki u (xijkun) fil-
   qawmien tiegħi mita jiġi min ħalaqni?

Il-kitba tgħid fis-sena 569. Il-Għarab jibdew igħoddu mill-20 ta' Ġunju 622—il-jum li fih Muħammed ħarab mill-Mekka. Dan 'l-jum jissemma' "il-Heġira." jew "Hiġra".

Is-sena tal-Misilmin fiha 354 jum.

Għalhekk biex issib is-sena tagħna għandek tagħmel hekk:

$$H, \text{ jew is-sena tal-Hiġra} - \frac{3\,H}{100} + 621 = \text{A. D., is-sena tagħna}$$

$$\text{Mela } 569 - \frac{3 \times 569}{100} + 621 = 1173$$

Mela sa l-1173 kien għad hawn il-Misilmin u l-Maltin kienu jħalluhom jiktbu bil-għarbi fuq qabarhom. *Xahban-il-Kbir*, huwa wieħed mix-xhur tal-Misilmin.

T. Z.

# IL-KELMA "ĦAL"

Minngħajr ebda ħsieb li mmaqdar il-fehmiet ta' kull min qâl tiegħu fuq in-nisel u t-tifsir tal-kelma *Ħal* (jew iktarx *Ħàll)* fi qwiel bħal dawn: *Ħal Tarxien*, *Ħal Millieri* u ħafna oħra minn dawn l-ismijiet ta' rħula,—deherli li bħal wieħed li għandi sehem fit-tmexxija tal-"Malti" (minngħajr ma naqtagħha għal kollox għal min il-quddiem igħidilna xi ħaġa aħjar) nista' nifli u niżen dawn il-fehmiet u nżid xi ħaġa minn tiegħi wkoll.

1) L-ewwel ma qanqal fuq in-nisel ta' *Ħàl* kien G. V. fil-"Malti" ta' Settembru li ħareġ. Dan fi ftit kliem ried jurina li *Ħâl* hi biċċa mill-kelma sħiħa *mħâl* (post, lok) ħierġa minn *Ħâl* (stât) li hi l-istess *ħâl* ta' *bħâl* (=bi ħâl) fil-malti u ta' *xħâlek* (xi+ħâl+ek) fil-għarbi. Ma jaħsebx bħal ma s'issa basru ħafna (fosthom Vassalli u Falzun) li *Ħâl* hija s-sura mqassra ta' *ráħal*. *Ráħal* għandha l-aċċent fuq l-ewwel taqsima *ra* u ma jiġrix ħafif ħafif li teħles minnha u ssir *ħâl*. Dan hu kull ma ħaseb u qalilna G. V.

Issa, jekk tassew *ħál* hi biċċa minn *mħâl*, dil-kelma h ħierġa minn għerq ta' verb (radice verbale) *ħâl* li jati n-nom (mimmato di luogo, di strumento etc). *mħâl*, (fil-għarbi *maħâl*. Cfr: *Maqâm*, *manâm*) jew *mħála* fejn l-*â* ta' *ħâl* qiegħda flôk *w*. Cfr: *Ħâl=ħawel*. Mita l-*â* tal-verb qiegħda flôk *j*. Cfr: *sâd=sajad*, l-isem jieħu s-sura ta' *Msîd*, *msîda*. (Cfr: fil-għarbi, *Masîr*, *mafîd.)* Għalhekk l-isem *mimmât* ta' *Ħál* għandna nobsru li hu *mħâl* jew *mħâla*. Il-verb ewlieni *ħâl* bin-nom *mħâl* jew *mħâla* ma jidhirx fil-malti. Naħseb li *ħawwel*, kif wera l-avukât Micallef, hija t-tieni sura (forma) imnissla minnu.

Fil-għarbi jinsab il-verb *ħál* bis-sura mnissla *ħawwal*. Dan il-verb ifisser fost ħwejjeġ oħra: *biddel*, *għadda minn stât għal ieħor*, *ġarr* (bniedem), *biddel ħaġa f'oħra*, *ġarr ħaġa u qegħidha f'post ieħor* (Ara u qabbel Belot u Hava). In-nomi li jagħmlu minnu huma: *Aħâla* (tibdil) *Ħâl* (stat) *Ħawâl* (self, tibdil); imma l-ebda isem li jfisser *lok* bis-sura ta' *mħâl*, *mħâla* ma jidher għal l-inqas fil-għarbi.

Verb ieħor fil-għarbi jatina xaqq ta' dawl wisq iżjed qawwi u sħiħ fuq dak li jrid igħid G. V. u warajh l-avukat Micallef—u dana jaqbel ma' dak li fl-aħħar itarrfilna r-Rev: Dessoulavy. Dan hu l-verb trux *ħàll* li kif wera r-Rev: Dessoulavy minn Freytag u, kif sibt jien minn Belot u Hava, ifisser *niżel f'post*

(wara vjaġġ) *għammar post, qagħad f'post* (descendre dans un endrois, habiter un lieu). Minn dan il-verb joħorġu l-kelmiet l-oħra ta' : *Hilla*(t) (quartier, séjour, peuplade = tribù nomade) *Maħàll* (endroit, lieu, place (Syrie) réunion, assemblée)

Il-kelma *maħàll* (u mhux *maħàl* kif jaħseb G.V.) setgħet baqgħet fil-malti fil-kelma mqassra ta' *Hal (Hàll)* sew biex tfisser il-*lôk* kemm *in-nies* jew il-*ġemgħa* ta' l-ewwel nies li waqfu u għammru l-lok. Cfr : fit-tripolin *Mħàll* (post) u l-*maħallât* imsemmija minn kittieba taljani fuq Tripli, eż : "*Mehalla di Sert*"

Setgħet il-kelma *raħal* tqassret u saret *ħal?* G.V. qalilna iktarx le.

Tassew li kif qal hu qajla fil-malti taqa' sillaba mgħobbija bl-aċċent fil-kelma li tiqsar. Fil-malti nistgħu nsibu 'l hawn u 'l hinn kliem imqassar b'ittri u aċċenti tagħhom imwaqqgħin u mwarrbin fuq is-sillabi ta' wara li drabi jieħdu wkoll il-ħoss ta' aċċent imkarkar. Cfr : mill-għarbi: *ákal*, *áħad* (verb) *àtrax*, il-kliem: Malti: *kiel*, *ħâ*(d), *trûx*. Cfr. fil-għarbi ta' Mogħreb fejn il-passât tal-verb tilef l-aċċent tal-għarbi *letterarju*. Cfr: minn *qásam*, *qsêm*, minn *ráfa'*, *rfâ'* fejn il-kelmiet inxorbu f'sillaba waħda. Setgħetx il-kelma *ráħal* qsaret f'sillaba waħda ta' *rħâl* li nbagħad saret *ħâl* bħal ma ġara fi kliem ieħor f'ilsna oħra ta' ġebbieda waħda, l-iktar *mita f'kelma iż-żewġ sillabi ta' wara xulxin għandhom sew fil-bidu kemm fit-tarf żewġ konsonanti li jixxiebhu?* (Ellipse de syllable par haplologie. Gram. Comp: des langues Sémitique. BROCKELMANN).

Xi ħadd ħaseb li l-kelma *raħal* imqassra f'*ħal* ma għandhiex it-tifsir ta' *mħàll* (halte, endroit, lieu, place. BELOT). Jekk mhux sew sew tifsir wieħed xi ħaġa li jersaq lejh ħafna. Cfr: fil-għarbi tas-Surija : *Ràħl*, plur. *Arħûl*, *riħâl* = (lieu oú l'on fait halte. BELOT. Dwelling. HAVA) Naħseb għalhekk li ladarba l-kelma *raħal* fil-għarbi tas-Surija u fil-malti beqgħet tfisser dak li f'pajjiżi tal-Lvant iktarx jitfisser bil-kelma *Mħàll* ftit jew xejn ma hemm fejn wieħed jintilef. L-iktar ħaġa li tħasbek hi din : setgħet il-kelma *Raħal* issir *Hal?*

Vassalli u Falzun qatgħuha li *Hal* hija sura mqassra ta' *Ráħal* u Stumme, minngħajr ma qagħad jaħsibha darbtejn, qatagħha l-istess. (Cfr: Maltesische Studien. STUMME paġ: 124 C. —*ħal* = *ráħal*—Arab : *Raħl.*)

2) T. Z. fil-"Malti" ta' Diċembru li għadda miera lil G. V. u fi ftit kliem qal li *Raħal* ġejja mill-għarbija *Aħl* (bil-għar-

bi *Áhel)* u li sew *raħal* kemm *Hal* tnisslu "minn kelma qadima *Aħal*, ġabra ta' qraba, ġirien".

Wara dak li fissirt, ftit għandi xi nżid. T. Z. il-kelma ta' *ráħal* iġibha li ssawret b'xebh mal-kelma *raħħâl* (ragħaj) u b'tibdil fil-leħen ta' l-istess żewġ konsonanti *liquidi* (*ll* = *nn* + *l*) f'kons: oħra *liquida* (*r*)—(per dissimilazione di cons: affini) = *mill-áħal* = *mir-raħal*. Dan sata' jkun, imma ngħid jien, mhux li kien u sar.

Fl-istess ħin donnu ried jurina li *ráħal*, *raħħâl*, *raħli*, *merħla* fit-tifsir tagħhom tal-għerq *râħel* fil-qawl *rħielha* ma għandhom x'jaqsmu xejn mat-tifsir ta' *áħal* (ahel) = *ráħal* jew *Hal* li qegħdin flok "għaqda ta' nies ġebbieda waħda".—Nistgħu ngħidu l-ewwel nett jekk *áħel* (ahel) hix l-istess għerq il-kelma ta' *Hal*?—L-istess għerq il-kelma ta' *raħal*, jekk nimxu fuq it-tifsir taż-żewġ kelmiet le żgur. Ta' *Mħâl* ma jistâx ikun għax kif urejt jien ma tinsabx la fil-malti u lanqas fil-għarbi bit-tifsir ta' *familja* li jati T. Z. lill-kelma *áħel* (ahel). Ta' *Mħall* lanqas. *Mhâl* ta' *Ahel* għandha l-egħruq tagħha magħmulin minn tliet kons: li huma *A* (Alef hamża), *h* dgħajfa jew ħafifa u *l*, waqt li ta' *Mħall* (ta' *ħall*) xi minndaqqiet minn alef ħamża (Aħall) imma b'tifsir ieħor, minn *ħ* qawwija (enfatica) u minn *l* imtennija.

Il-kelma *áhel* għandna għalhecc inqisuha bħal kelma għaliha u jekk bħal ma jaħseb T. Z. saret *raħal* (villaggio) li quddiem l-ismijiet ta' rħula tqassret f'*Hâl*, hija kelma għaliha li xejn ma għandna nħalltuha bħala biċċa mill-kliem l-ieħor, sew ta' *raħal*, kemm ta' *mħall* fil-għarbi.

L-avukat Micallef, is-sur G. V. u xi ftit ukoll ir-Rev: Des-soulavy, fuq dak li fissrinna T. Z. flok dak kollu li merewlu, jidhirli li kellhom jiflu u kien ikun biż-żejjed:—

(i) Jekk hux tassew li l-kelma għarbija *Ahel* (ġemgħa) hija l-kelma mqassra *Hal* quddiem xi ismijiet ta' rħula.

(ii) Jekk *áhel* setgħetx issir *raħal* u minn *raħal*, *ħâl*.

(iii) Jekk *ħ* ta' *Hal* taqbelx ma' l-istess kons: fil-kelma *Áhel*: jekk ma taqbelx setgħetx fil-malti tidbiddel (titqawwa fil-leħen).

(iv) Jekk quddiem xi ismijiet ta' rħula jew għaqdiet ta' djar, mis-Surija sal-Marokk tinsabx il-kelma *Ahel*.

3) L-avukat G. Micallef għandu raġun igħid li l-isem li ifisser post, għodda etc. hu mnissel minn verb, għalkemm jiġi ukoll li jkun ġej minn isem ieħor. Cfr: *masġar*,

Jidhirli li l-avukat Micallef ma fliex *dak* li ried igħid T. Z. u dana jidher minn dak li għidt qabel.

Il-kelma *Ħal* ta' T. Z. mhix il-*Ħal* li l-avukat Micallef mar igħarbel. Waħda minn *áhel* u l-oħra minn *ħâl*, *ħawwel*. Waħda bl-*h* dgħajfa ta' *fehem*, *hemża*, u l-oħra bl-*ħ* (enfatica) ta' *ħabaq*. Waħda tfisser ħaġa u l-oħra ħaġa oħra. Waħda minn verb mehmuż (hemżato) *Ahel*, *áhil*, u l-oħra (kif sab hu) minn verb moħfi (concavo). L-avuk: Micallef naħseb ukoll li qabad tarf b'ieħor mita qal li *ħal* ġejja minn *ħal*, *ħawwel*.

Issa għall-kelma *raħal*:—

Għandna *raħal*, *jirħal* (verb = *andare*, *partire*) u *raħal* (nom— fil-malti: *casale*, *villaggio*. Cfr: FALZON.Diz: pag: 357 e VASSALLI. Lex: paġ. 564). Fil-għarbi, *Raħl* għandu tifsir wisq fil-qrîb u biex ingħid wieħed. Vassalli barra minn dak ta' *casale villaggio*, jatih ukoll it-tifsir ta' *stazione*, *fermata*. Cfr: BELOT e HAVA ut supra. Il-verb malti *raħal*, *jirħal* jaqbel ukoll ma' dak tal-għarbi. Belot igibu fit-tieni u t-tielet sura tiegħu: *Raħħal* (faire partir etc.) *Râħil* (aidir qn, á partir). *Raħħal* (travelling much. HAVA). Dan il-verb għandu wkoll *Árħal* = "hejja l-ġemel għall-għonq it-triq. Sâq." minn fejn fil-malti tnissel it-tifsir ta' *raħħâl* (raġel li jsuq il-bhejjem) u *merħla* (gregge). Tarġa *merħla* fil-għarbi għandha t-tifsir ta' "ġurnata vjaġġ bil-mixi" = "mawra minn post għal ieħor", kollu tifsir li joqrob lejn dak li jati l-verb *Ħall*. Issa jekk il qawl malti "*rħielha għal*" hux ġej minn *raħal* kif donnu jrid ifehimna T. Z. jew kif irid igħid is-sur Micallef minn *reħa*, jaħtieġ li wieħed jifli aħjar.

Falżon taħt *raħal* (verb) iġib il-qawl: *Rħielha lejn il-belt.* Sata' tgħallet. Hemm ħaġa li ma turix li ġejja minn *reħa* u li *l* hija ta' għerq il-kelma u mhux partiċella u dana fi qwiel ieħor bħal: *Ħadha għal rasu*, *ġibidha għall-għonq it-triq* fejn *l* particella ma tidħolx fil-verbi *ħad*(ha) u *ġibid*(ha): mhux *ħadilha* u lanqas *ġibdilha*, bħal *rħielha* li kieku minn *reħa*. Ħaġa oħra nbagħad li donnha turi li ġejja minn *reħa*, verb nieqes, u mhux minn *raħal*, huwa t-tiswir li jieħdu ż-żewġ verbi taż-żewġ għamliet. Kabbel *mxielha* (minn *mexa*) ma' *rħielha* (minn *reħa*), *mxie*(ha) ma' *rħie*(ha). Tarġa *qabadha* ma' *rħielha* (minn *raħal*) li fuq it-tiswir ta' *qabad* għandha tagħmel *raħal*(ha) bħal *qabad*(ha) u mhux *rħiel*(ha).

L-avukat Micallef xebbah il-verb mehmuż *Áhil* (to get accustomed to a place, to welcome. HAVA) *Uhal* (to be inhabited,— house, town. HAVA), *Áhal* (ta marry. HAVA) mal-verbi (*assimila-*

*tivi)* li jixbhu 'l verbi *sħah* (sani), fost l-oħrajn semma l-verb *ażan (*għarbi) li sew fil-għarbi kemm fil-malti fis-sura ewlenija jagħmel *wiżan*, *wiżen*. Hekk ukoll *walad* (għarbi) u *wiled* (malti). Ma nafx li hemm *éled* jew *álad* (passât) li nbagħad jitbiddel f'*walad*. Nafu tajjeb li l-ittri dgħajfin *a*, *j* u *w* jitbiddlu f'xulxin fi kliem minn djalett għal ieħor u f'tiswir il-verb fl-istess djalett, imma ma nafx li verb bħal ma hu *áħil* jew *Úħil* (l-avuk: Micallef qal li hu l-għerq *aħl)* ibiddel il-għerq tiegħu f' *w-ħ-l* u jsir *weħel*, *waħal*. Bħalma għidna l-*h* ta' *áhel*, *áhil*, *áhal* li jâtu l-isem *ahĕl*, mhix l-*ħ* ta' *weħel* u *waħal* fil-malti, mita nafu li l-istess għerq *w-ħ-l* jinsab fil-Għarbi. (Cfr: *waħil* = to sink into mire—to become muddy. Hava. *Weħel* = cascar nel fango, onde attaccarsi. VASSALLI) u għalhekk il-kelma *weħel* mhix ġejja mill-għerq *a-h-l*.

4) Is-sur G. V. biex isaħħaħ il-fehma tiegħu fuq in-nisel ta, *Ħal* minn *mħal* ġieb li *mħal*, *ħal* u *aħal* għandhom b'għerq tagħom *ħ-w-l*. Minn dak li wrejt dana qajla nsibuh, l-iktar filkelmiet *ahel*, *mħall*.

Donnu sewwa qal li n-nom imnissel ta' *ħâl* imissu *ħawl*. (Cfr: Gram: dell'Arabo Volgare, paġ: 231-2. SAPETO) għalkemm għandna il-kelma *Ħâl* ta' b'*ħâli*, b'*ħâlek*, kif jidher, imnissla mill-verb *ħâl*, *ħawel* (Ara dak li għidt qabel taħt (1).) Imma tarġa l-kelma *ħâl* ma għandhiex it-tifsir ta' *lok li fih igħammru n-nies*, imma iva ta' *stât*, *kondizzjon;* mhux dak l-*istat* li ried jifhem bih G.V. u nbagħad l-avukat Micallef bit-tifsir ta' *colonia*, *plantation*; għax kif il-lum raġa' kitibli ir-Rev. Dessoulavy "Perhaps one ought to note Ar: *Ħâl* (state, condition) and compare it with Anglo-French "*estate*, *state*. But Ar: *Ħâl* is (I think) never used in the sense of a (territorial) estate."

Ma naħsebx li għax *áħad* jagħmel fil-malti (kif ukoll fittripolin) *Ħadd*, hekk ukoll il-kelma *ahel* għandha tagħmel *Ħall* u mhux *ħâl (ħâl)*. Tagħmel *Ħall* mita mqassra minn *Mħall*.

5) Ma jidhirlix li wara dan kollu li għidt għandi nifli dak kollu li kiteb ir-Rev: Dessoulavy li bi ħlewwa liema bħalha għoġbu jwieġeb għax-xewqa tiegħi li jibgħatli l-fehmiet tiegħu mita kitibli li ma jaqbelx mal-fehma ta' T. Z. fuq in-nisel ta' *Ħal* minn *Ahel*. Ir-Rev: Dessoulavy, għalkemm il-malti mhux ilsienu, deher li jaf jifli u jikseb in-nisel tal-kliem malti (kif tani xhieda f'bosta mill-kliem malti li jiena qatt ma bsart bin-nisel tiegħu). Għalkemm ma laqatx f'kollox it-tifsir ta' T.Z. (l-iktar meta ħaseb li T.Z. nissel il-kelma *Ragħaj* minn *raħħâl*, *raħli)* nistgħu ngħidu

li għalaq l-ittra tiegħu minn l-aħjar u tâna xaqq ta' dawl qawwi fuq in-nisel ta' *Ħal* minn *Ħall*(a), *Mħall*(a) jew (kif sata' jkun) mill-għerq *a-h-l (mahûl = mahâl?)* Haġa oħra li kif naħseb ir-Rev. Dessoulavy ma satâx jifli sewwa hija dik li fil-malti għandna kliem qadim, il-lum minsi, imma iktarx jinsab f'xi qwiel *(idiotismi)* u l-iktar fl-ismijiet ta' postijiet tal-Gżira *(toponimici)* u għalhekk ma jseħħx dak li stqarr hu li l-kelma *ahl* tal-għarbi ma setgħetx issir *ħâl*, għax ma hemmx sura *oħra* minnha jew sura ta' nisel wieħed fil-lsien malti.

Kif kont fissirt ruħi mar-Rev: Dessoulavy, narġa' ntenni l-fehma tiegħi. In-nisel tal-kelma *Ħal* għad trid tfittxija ta' reqqa kbira u fuqha hemm fiex wieħed imieri wieħed lil ieħor.

Minn dan kollu li s'issa ntqal, il-kelma *Ħal* setgħet, kif naħseb jien, ġiet imnissla minn dawn it-tlieta: jew minn *raħal*, jew minn *ahel* (bil-ħoss ta' *aħel)* jew minn *ħall*, bis-sura mqassra ta' *ħall* min-nom *mħall.* Minn liema sewwa minnhom għad irridu naraw.

**A. Cremona.**

# GħOXRIN SENA WARA....

Il-konti—raġel għoli, wiċċu twil u misbuk, xagħru sfiq u abjad qotna—qatt ma fetaħ qalbu ma' ħadd. Kien għadda dawn l-aħħar għoxrin sena medhi biss b' daru, jaħdem—fil-ġonna u l-egħlieqi tiegħu—mhux biex jaqla' x'jiekol, għax għana kellu iżjed milli kellu r-raħal kollu, iżda jaħdem, ngħidu aħna, biex iderri, biex iqatta' ż-żmien, biex jinsa xi ftit l-imgħoddi. U n-nies kienet taħseb li kien bniedem hieni: x'jonqsu ? kienet tgħid. Iżda, fil-għaxija, xħin jasal il-ħin li jserraħ 'il ġismu mkisser apposta bix-xogħol, u kien jara jserraħx xi ftit lil ħsiebu, mara sabiħa, fit-tul imdaqqsa, b'wiċċ qawwi, ħaddejn ħomor, għajnejn żoroq, xofftejn qrollija, kienet tidher quddiemu u ttajjarlu nagħsu: kien jistħajjilha dieħla f'kamartu u kemm-il darba, b'ġirja, kien iqum mis-sodda biex jilqa' 'l martu, iżda martu tkun għabet, għax martu kienet ilha mejta; kienet mietet il-bogħod minnu, hija u tati d-dawl lil bintha, mietet bla ma laħqet talbitu maħfra, bla ma laħaq uriha li hu kien irid jaħfrilha.

Bintha għexet u kibret u l-konti qatt ma ried l-anqas biss ikun jaf x'kien sar minnha u kien igħix għalih waħdu biex ma jismâx b'aħbarha, għad illi, bla ma ried, malajr sar jaf li missierha kien ħalliha ltima minnu wkoll.

* * *

Dik inhar kellu joħroġ ta' bil-fors, u kien għaddej b'rasu mgħaddsa minn toroq li bil-kemm ma kienx insihom, daqs kemm kien ilu ma jgħaddi minnhom. Jilwi minn triq għat-triq li kellu jmur fiha, jarfa' għajnejh biex jara fejn wasal u d-dehra ta' qabel tarġa għal quddiemu: xbejba sabiħa, fit-tul imdaqqsa, b'wiċċ qawwi, ħaddejn ħomor, għajnejn żoroq, xofftejn qrollija, iżda did-darba ma għabetx minn quddiemu mita wasal ħdejha iżda baqgħet hemm, b'dawk ħaddejha ħomor b'dawk għajnejha sħaħ u qabbieża, u hu baqa' jaraha għad li issa qalb iċ-ċpar, qalb id-dlam: sabiħa, wiċċha qawwi, għajnejha jleqqu, sakemm fawra demm qawwija ma telgħetx għal rasu u sabbtitu għaxi......

* * *

Mixħut wiċċu l-fuq, fuq soddtu, il-konti beda ġej għal l-aħjar, iżda kull darba li jaħseb filli ra, kull darba li jiġu quddiemu dawk iż-żewġ xbihat, fawra ta' demm titla' għal rasu u għal xi ftit minuti kien jarġa' jintilef: iżda bil-mod il-mod kien qiesu drahom dawk iż-żewġ xbihat: għamla waħda, wiċċ wieħed, u donnu ma kienx jista' joqgħod minngħajrhom. Għad illi t-tabib ma kienx iridu jaħseb, u jiftakar, ma sata' jagħmel xejn la darba l-mera ta' ħsiebu mhux talli ma ridetx tittappan, iżda iżjed bdiet turihomlu ċari.

Għadda ż-żmien iżda minn dik l-ewwel laqgħa ma satâx iżomm iżjed. Jekk tant kien iħobbha u baqa' jħobbha—lil martu—kif sata' jobgħod lix-xbieha tagħha, lil l-istess bintha?

* * *

Bil-kemm kien għadda xahar—xahar twil u ta' l-ikbar diqa—ix-xwejjaħ konti, imxejjaħ iżjed bil-marda, kien wara l-ħġieġ jistenna bla sabar. F'daqqa jidħol jiġri u....min jista' jfisser? Xwejjaħ ta' fuq is-sittin sena mgħannaq ma' xbejba fil-fjur ta' żmienha: it-tnejn imbikkija, it-tnejn qalbhom maqsuma. It-tfajla ltima ferħana għax kienet sabet missier ieħor, iżda belhana għax ma satgħetx tifhem biżżejjed; ix-xwejjaħ mitluf minnu n-nifsu għax stħajlu mita, ħafna ħafna snin qabel, kien ħalef imħabba ta' dejjem lill-maħbuba ommha.

S.

# ID-DWELL F'MALTA FI ŻMIEN L-INGLIŻI

Mal-miġja tal-Franċiżi f'Malta, fl-1798, u t-telqa ta' l-Ordni Ġerosolmitan minn hawn, dawk il-Liġijiet ta' fuq id-dwell li-kienu saru għall-Kavalieri, waqgħu u spiċċaw. Iżda, għad illi l-Ordni ma baqâx isaltan hawn Malta, dik il-Liġi ta' fuq id-dwell li kien għamel fl-1784 il-Gran Mastru Dirwan għal dawk li ma kinux imdaħħla fl-Ordni ta' San Ġwann, baqgħet tiswa u tgħodd: u baqgħet tiswa u tgħodd mhux għal dak iż-żmien li damu hawn il-Franċiżi biss, imma wkoll sa bosta snin wara li ġibna l-Ingliżi f'Malta. Inbagħad, mita dil-Liġi ta' Dirwan issewwiet b'Liġi oħra li saret fl-1854, id-dwell baqa' mħolli wkoll li ma jistâx isir hawn Malta: il-għaliex, għalkemm il-kelma *dwell* ma ssemmietx aktar fil-Liġijiet tagħna li saru minn l-1854 'il hawn, wieħed jintebah malajr li l-kelma dwell, taqa' taħt fejn il-Liġi tgħid li ħadd ma jista' joqtol jew jidrob lil għajru.

Il-Liġi li semmejna, tal-Gran Mastru Dirwan, kienet thedded, li mita jsiru dwellijiet u dawn ma jispiċċawx b'mewt, sew dawk li jkunu stiednu għad-dwell, kemm dawk li jilqgħu l-istedina, kif ukoll dawk li jkunu għenu, jew xewxu għad-dwell, jiġu mwaħħla lkoll il-piena ta' għaxar snin qdif fuq ix-xwieni: u dil-piena tista' tikber għal aktar żmien, kemm-il darba jkunu kbar il-ġerħat li jsiru fid-dwell. Iżda, jekk id-dwell jispiċċa bil-mewt, sew dawk li jiddwellaw, kemm ukoll dawk li taw xi għajnuna, jew xewxu inkella kienu sħab ma' min iddwella, ikollhom ilkoll il-piena tal-mewt. (1)

Ma' dil-Liġi ta' Dirwan, kien hawn ukoll il-Liġijiet Militari li ġiebu magħhom l-Ingliżi, biex min fost il-militari jagħmel xi ħaġa, igħaddi Qorti Marzjali. Fost il-Liġijiet li kellhom l-Ingliżi kien hemm waħda li tgħid li ma għandhomx isiru dwellijiet mill-militar.

B'dana kollu, bil-Liġijiet kollha li kien hawn sa wieħed u għerbin sena wara li ġibna l-Ingliżi f'Malta, il-Ħaqq ftit u xejn kien jieħu ħsieb ta' dawk li jiddwellaw; għax minn fost kemm iddwellaw sa l-1841, darbtejn biss il-ħatja ta' dwell ġew arrestati: u fid-darbtejn insabet xi skuża biex ġew meħlusa.

(1) Ara l-Kodiċi ta' Rohan. Lib. V, Kap. IV, par. XXI u XXII.

Did-drawwa tad-dwell, dari, hawn Malta, kienet taħkem wisq fuq il-militari, sew Ingliżi u kemm Maltin, billi kull mita dawn (il militari) kien ikollhom xi jgħidu bejniethom, malajr kienu jistiednu għad-dwell lill-għadu tagħhom, u miskin hu min kien jiġi mistieden għad-dwell u ma jkunx irid jiddwella, għax jiġi magħdud bl-akbar ġifa, u ġiehu jibqa' mitluf għal dejjem.

Tassew li l-Militar, bħal ma għedna fuq, ma kienx irid illi n-nies tiegħu tiddwella; iżda huwa kien jeħodha l-aktar kontra min ikun stieden għad-dwell. Lil dak li jkun mistieden għad-dwell aktarx kien jagħdru u jaħfirlu billi kien jâf li min ma jilqâx stedina għad-dwell kien jibqa' magħdud b'ġiehu mitluf għal dejjem fost sħabu.

Billi l-Militar huwa għajjur ħafna għall-ġieh ta' dawk li jridu jidħlu miegħu, lil nies ta' din il-għamla (jiġifieri dawk li jkunu tilfu ġiehhom għax ma laqgħux stedina għad-dwell) ma kienx iridhom fi ħdanu. Araw kemm hu hekk:—Fi żmien li l-Markis ta' Hastings kien Gvernatur u Kmandant tat-Truppi Ingliżi f'Malta (1824-1826), wara li kien għażel lil wieħed biex ikun fizzjal fir-Riġiment tal-Maltin ma riedx jissokta jdaħħlu u reġġa' lura l-ħatra tiegħu għax sama' li dana kien ġie mistieden għal dwell minn fizzjal ieħor ta' l-istess Riġiment u ma riedx jiddwella. Meta dan mar għand il-Gvernatur u qallu li huwa ġa ġġieled fi tliet dwellijiet oħra, Lord Hastings wieġbu li hu ta' għajb kbir għalih li ma riedx jiddwella għar-raba' darba wkoll. (1)

Iżda d-dwellijiet damu jsiru sal-1841 bla ma kien jieħu ħsiebhom il-Ħaqq, għax minn l-1842 beda jieħu ħsieb sewwa ta' dawk li jiddwellaw, billi waqfilhom ħalli jaqta' minn Artna did-drawwa kerha. Għalhekk ġew arrestati tnejn minnhom billi ġew mixlija fuq qtil.

Minn dan il-Ġuri li sar fl-1842—u li minn fuqu aħna ħadna u bnejna l-biċċa l-kbira ta' dak kollu li s'issa għedna—insibu li bosta kienu d-dwellijiet li saru f'Malta fi żmien l-Ingliżi; iżda aħna, barra dak li sar fl-1842, ma ltqajniex ħlief ma' tnejn oħra biss, u li sejrin inġibuhom hawn wieħed wara l-ieħor kif saru.

L-eqdem wieħed li sar fost id-dwellijet li ltaqajna magħhom, sibnieh miġjub fid-*Daily Malta Chronicle* ta' l-1895, fejn dina l-Gazzetta tgħid, li fl-4 ta' Mejju 1802 sar dwell qrib il-Bieb tal-Forti Salvatur, (fil-Kottoniera) bejn il-Kurunell Baylis tar-Riġment *Sussex* u l-Kaptan Newman tal-*1st Battaljun* tal-

(1) Ara Il-*Mediterraneo*--*Gazzetta di Malta*--tas-26 ta' Marzu 1842, faċċ. 32, Kol. 1.

*Lancashire Fusiliers*. F'dad-dwell, Baylis darab b'balla lil Newman f'ġenbu l-lemin, li waqa' fl-art midrub għall-mewt.

Dana d-dwell sar imħabba f'mara; u dan l-għamil ta' Baylis ġie mmaqdar ħafna mill-Gwarniġjun kollha ta' Malta.

Kaptan Newman, wara li bâta ħafna bil-ġerħa li qala' minn għand Baylis, miet fit-13 ta' Mejju, u l-Ġeneral Fox, li dak iż-żmien kien jagħmel mit-Truppi Ingliżi f'Malta, ma riedx li dan l-imsejken ta' Newman jiġi midfun bl-unuri militari.

Il-Kurunell Baylis ġie arrestat, u fit-18 ta' Mejju għadda Qorti Marzjali, fejn ġie mixli fuq qtil, u, wara li l-kawża tiegħu damet sejra għal ġimgħa, is-sentenza nbagħtet l-Ingilterra biex tiġi mgħoddija mir-Rê.

Il-kittieb li ġieb dina l-ġrajja tad-dwell fil-*Chronicle*, billi minn fejn ħadha ma sabx kif baqa' Baylis, talab lill-qarrejja biex, jekk xi ħadd jaf xi ħaġa fuq dana id-dwell, igħarrfu, bla ma sab lil ħadd li sata' jaqtagħlu xewqtu. Iżda kif kien baqa' Baylis u kif kienet sewwa l-biċċa tad-dwell tiegħu, tinsab fil-*Malta Times* ta' l-1843. Dil-Gazzetta ħaditha min-*Naval and Military Gazzette* ta' l-Ingilterra, u tgħid hekk.

«Fuq id-Dwell—Il-kastig, disgħa u disgħin fil-mija, jaqa' fuq min jinqabad li jkun il-ħtija tad-dwell, għal kemm fid-dwell li jsir hija ftit tqila biex taqta' min ikun il-ħtija, iżda aħna se'r ingħidu mita darba ġara l-maqlub talli għedna, fejn nuru n-nuqqas kbir tal-għaġeb fil-ħaqq li sar minn wieħed li kien ħtija ta' dwell.

«Il-mejjet Kurunell Baylis tas-*Sussex* (fl-1843 Baylis kien ġa mejjet) meta kien jikkmanda t-truppi Ingliżi fil-Birgu, (Malta) kien igħir ħafna, mħabba mara, għall-Kaptan Newman tal-*Lancashire Fusiliers*. Jum fost l-oħrajn, Baylis iltaqa' fit-toroq tal-Birgu ma' Newman flimkien ma' dil-mara. Malli Baylis lemħu magħha, sibel, mar għal fuqu, u, barra milli għajru ħafna, tah daqqa ta' bastun ukoll; inbagħad fil-waqt li tefa' idu fuq il-maqbad tax-xabla qal lil Newman:" Jekk inti raġel ilqa' ruħek". "M'hux hekk, Sinjur"—wieġeb Newman bla ma tmasħan—"Jiena naf x'għandi nagħmel; id-dmir tiegħi ma jħallinix noħroġ ix-xabla fit-triq għal min hu ogħla minni, u għalhekk oqgħod għal dak li bi ħsiebni nagħmel jien". Wara nbagħtet stedina għad-dwell, u ltaqgħu l-għada fil-għodu, fejn l-imsejken ta' Newman għadda minn taħt il-ħila ta' idejn Baylis. Il-Kurunell ġie mixli fuq qtil, iżda ġie meħlus bl-iskuża li l-istedina għad-dwell ġiet mibgħuta minn l-imsejken Kaptan Richard Newman».

*(Jissokta)* **Ġużê Gatt**

# DAWRA ARKEÖLOĠIKA MA' DWAR IL-BIRGU

L-Arkeöloġija hi x-xjenza jew is-sengħa, li titħaddet fuq l-Istorja, jew fuq ix-xogħol tal-qedem. Mela, dawra arkeöloġika mal-Birgu tfisser studju u żjara tal-ħwejjeġ u lokijiet qodma li jinsabu l-Birgu, li għandhom x'jaqsmu mal-ġrajjiet qodma tiegħu.

Tismagħhom igħidulek: Uh kemm hu ikrah il-Birgu! Għal min jifhem, is-sabiħ jew l-ikrah hu relativ; għal min għandu moħħu mimli bin-nuħħala fid-dehen dgħajjef tiegħu, il-għażla tas-sabiħ u l-ikrah hi aktarx mifluġa. Il-għorrief jagħżlu u jmorru jżuru iżjed lil Pompej imġarrfa, milli lil New York—l-iżjed belt ġdida, sabiħa u kbira tad-Dinja. Min imur Ruma, ifittex iżjed li jżur il-*Foro Romano*, il-Kolossew u ħafna kolonni mkissra u statwi bla ras, milli jiġġiera mat-toroq, twal u wiesgħa, magħmulin dan l-aħħar. Tisma' 'l-Franċiżi, 'l-Amerikani u 'l-Ingliżi jgħidu "f'pajjiżna għandna toroq u pjazez iżjed sbieħ u wiesgħa minn dawn. Mita niġu hawn u nħallsu flusna, niġu biex nitpaxxew bil-monumenti tal-qedem biex nitwettqu bl-Istorja." Mela fejn hi s-sbuħija jew il-kruha inħalluha fid-dehen ta' min jaf. Mela l-Birgu ikrah? Londra, Pariġi, Brusell, mitejn sena ilu ma kinux isbaħ mill-Birgu. Min irid jara b'għajnejh, imur hemm, u jara t-toroq ewlenija, imxattrin, dojok, bit-taraġ, tlugħ u nżul.

Il-Birgu hu magħmul sura ta' trijanglu isoxxele. Għan-nofs inhar mirfud minn Sant'Anġlu; mil-lvant, il-forti Kastilja, mill-punent, il-mina ewlenija. Tliet ponot li jatuh għamla ta' Trijanglu.

Mibni l-Birgu fi żmien il-Feniċi, u mkabbar inbagħad bil-ftit il-ftit, fi żmien il-Kartaġiniżi u r-Rumani u fl-aħħar nett mill-Għarab, li ma baqgħux iżjed qattanija ma' dwar il-Kastell, iżda xxerrdu l-isfel; għalhekk, it-toroq, jew aħjar il-mogħdijiet tiegħu, bħat-toroq ta' bliet oħra ta' dak iż-żmien, ma kinux jiswew, ħlief bħala mogħdija biss, min dâr għal oħra. Għalhekk għal fejn toroq wiesgħa? Dak iż-żmien la karrozzi, la karrettuni, iżda biss xi ħmar jew xi bagħal bil-berdgħa mimlija bil-qamħ jew bil-ħxejjex. It-toroq ma kinux u la mwittija, u la mdawla, iżda dlam ċappa; bil-lejl, in-nies ma toħroġx; binhar, biss wieħed iħalli l-daru, jew għax-xogħol jew għal xi qadja. F'dawn iż-żmenijiet, ġie mibni l-Birgu!! Birgu, hi kelma li tfisser bl-ilsna kollha;

belt taħt kastell u li għandha privileġġi 'l fuq minn ta' dawk ta' nħawi oħra. Mela jekk it-toroq tal-Birgu huma dojoq, fihom dan sabiħ, li huma kollha jinfdu ma' xulxin u fl-aħħar joħduk għall-misraħ, jew Pjazza, kif igħidulha, u mat-tul u l-wisa', f'dil-belt ma tiltaqâx ma' żenqa. Mibni fi żmien mita l-gwerer ma kinux ħlief sarâr u taqbid sider ma' sider, (min qatt kien joħlom, elf sena qabel Kristu, li għad ikun hawn il-balal, il-polvri, il-kanuni u l-ajruplani !) it-toroq tiegħu ma humiex itwal minn twaddiba ta' vleġġa, u kull triq issibilha ħajt quddiemha, li jgħatti t-toroq l-oħra, għal biex, mita, jekk l-egħdewwa jidħlu fil-belt, ma jsibux irkabtu għal fejn imorru, jitħabblu, u l-Maltin, moħbijin wara l-kantunieri u għassa għalihom, joħorġu fuqhom, jaħsduhom u jagħilbuhom. Mela issa nibdew id-dawra tagħna, u nibdew, kif jixraq, minn l-ewwel **Bieb tal-Belt.**

Dan il-Bieb—li ma nafx jekk fid-dinja hemmx ieħor li għadu jżomm, bħalu, ix-xebh u l-għamla tal-qedem, u għalhekk bħala Storja hu ta' fejda liema bħalha—hu mwettaq u mħares minn żewġ bibien oħra, bħala żewġ għassiesa tassew qawwija. L-ewwel bieb imsejjaħ *Advanced Gate* kien fih pont jirtafa' u mħares, barra minn parapetti u l-ambriżuni, ukoll minn foss, li l-lum igħidulu: "Fejn sabu 's-Sinjur." Kif tidhol il-ġewwa, issib wesgħa u bieb ieħor imsejjaħ *Couvre Porte*—bieb għall-mistkenn, jew li jaħbi, il-għaliex jaħbi għal kollox mill-għajnejn ta' l-egħdewwa u tal-barranin. Sa ftit ilu, kellu pont jirtafa' u qiegħed fuq foss il-ġmiel tiegħu: foss li jħażżem il-Belt minn baħar għall-baħar. Hu hekk wasa' u għammieq, illi l-ebda magna tal-gwerra ta' żmien l-imgħoddi, ngħidu aħna sal-1840, ma kienet tista' tagħilbu. Il-lum, ħaġa oħra. It-tielet bieb—li hu l-bieb veru tal-Belt,—jissejjaħ *Porta Maggiore,* kien fih ukoll foss u pont jirtafa' iżda mħabba l-karrozzi u l-*Motors* ta' żminijietna, kellhom bil-fors iwittuh u jordmu l-foss. Fuq il-gwarniċun tiegħu, tinsab b'ittri tal-bronż din il-kitba bil-latin: OBUMBRASTI SUPER CAPUT MEUM IN DIE BELLI. Ps. 133. *Inti, ja Mulej, ħaristni fil-jum tat-taqbida.* Kemm hu sabiħ u f'loku dan il-qawl !!! Ma' dwar dal-bieb, hemm imħażen, kmamar, stalel u ħwienet għall-munizzjon.

Il-Birgu, hu mħażżem bis-swar, imsejħin Firenzuola, min-naħa ta' Bormla, tas-Salvatur, tal-Kalkara u jispiċċaw f'Sant'Anġlu għan-naħa tal-Port il-Kbir. Ma' tul dawn is-swar jinsabu tliet fortizzi ta' ġmiel u ta' qawwa bla qies. L-ewwel waħda hi **Il-Fortizza ta' San Ġwann**, kif tħalli l-bieb maġġur, li kienet miż-muma mill-Kavalieri tal-Lsien ta' l-Italja. It-torri tiegħu għoli, imsejjaħ Kavalier, kien bħala għassa tad-daħla tal-belt.

Nimxu iżjed 'il quddiem, inżommu mal-lemin; fejn tgħib it-triq Strada Torre S. Giovanni, insibu l-**Armerija**, mibnija mill-Gran Mastru Laskri. Din swiet ta' monasteru tas-Sorijiet ta' S. Benedettu, ta' Armerija, ta' Kwartier u ta' Sptar. Aktarx għal din il-ħaġa ta' l-aħħar kienet mibnija, il-għaliex il-Kurituri twal tagħha juruna hekk. Din qiegħda ma' ġenb il-**Forti ta' San Ġakbu**, li kien miżmum mill-Kavalieri tal-Lsien ta' Aragona. Jekk wieħed jitla' fuq il-Kavalier, jitpaxxa b'Panorama sabiħ tassew. Max-xellug: id-daħla tal-Port, il-Belt Valletta u Sant' Anġlu; quddiem ir-Rikażli, l-Isptar ta' Bigi, il-Kalkara; għal-lemin l-Isptar Militari, is-Salvatur u l-ħżiem tas-swar, imsejjaħ Kottoniera. Tħares taħt, u tilmaħ il-*Posta di Castiglia*, l-iżjed lok għażiż u ta' qima għal l-Istorja ta' Malta. Dan il-post, sal-ġurnata tal-lum, għadu jissejjaħ il-**Prexxa**—kelma maqluba minn *Breccia* jew mogħdija ġos-sur: il-għaliex fil-għodwa tas-7 ta' Settembru 1565, it-Torok, b'qawwa kbira, ħabtu għall-Birgu, mill-għolja tas-Salvatur, u kienu ġa dawruh bħal kagħka minn Kordin,S. Margarita, S. Elmu, il-Ponta tal-Forok, u riedu dik inhar jagħmlu tagħhom darba għal dejjem; u rnexxielhom, balleċ, għal nikta li jitilgħu bis-slielem fuq il-post ta' Kastiljai u jħaffru mogħdija mnejn igħaddu; iżda, għal xejn, għax mall, deher La Valette, imsejjaħ bil-għaġla għall-għajnuna, il-Maltin, malli lemħuh, intlew iżjed bil-ħila, u t-Torok imħarbtin u mġarrfin rashom l'isfel, qatgħu jieshom, ħarbu, b'għajb kbir tagħhom. Igħid il-Bosio, illi t-Torok (nistħajjel jien aktarx f'dan il-post) lemħu 'l-Madonna, lil San Ġwann u lil S. Lawrenz, fl-imkien ma' qtajja' ta' Anġli, iħarsu s-Swar tal-Birgu. Ħasbuhom suldati għadhom kemm waslu għall-għajnuna. Tant beżgħu u triegħdu, li x-ximitarri bdew jaqgħu minn idejhom, fittxew id-dgħajjes, rikbu u telqu għal barra l-Port. Saħħa! Saħħa! Ara, imsieken, iżżuruna iżjed, għax agħar għalikhom!!! Din il-ġrajja hekk sabiħa, mhux bil-fors għandna nemmnuha, iżda, mita hi mwettqa mix-xhieda tal-Bosio, li semagħha mill-Kavalieri u mis-suldati, mhux ta' min jiċħadha kif ġie ġie. Inklelè nistgħu niċħdu l-ġrajjiet kollha tal-pajjiżi kollha tad-Dinja! Issa nidħlu l-mina tal-Kabuċċini, ingħaddu l-pont, u nindieħsu mal-kortin ta' S. Orsla. Hemm **dar**, il-lum imġarrfa, igħidu li La Valette kien jistrieħ fiha, u jati l-ordnijiet minn hemm. Iżjed 'il quddiem u mas-sur is-sur, niġu fuq is-**Sur tal-Miratur.** In-naħa tax-xellug jinsab foss, il-lum imsejjaħ Mandraġġ, imgħammar min-nies fqar. Fiż-żmien, kien fih żewġ mogħdijiet għall-baħar. Kien jiswa biex fil-gwerra jdaħħlu fih

id-dgħajjes tas-sajjeda jew kajjikki, biex ikennuhom minn l-egħdewwa. Sew sew, mill-Bieb li jieħu għal Kastilja hemm triq—għax ftit dejqa, isejħula Strada Stretta—li tieħdok għal Strada Brittanica, dari msejħa Strada di Castiglia.

F'nofs dit-triq jinsab Palazz, il-lum igħidulu **tal-Miljunarju**, sabiħ tassew, nisthajjel li kien xi Berġa. Minn l-arkitettura tiegħu jidher biċ-ċar, li kien mibni fi żmien il-Gran Mastru D'Omedes (1536) jew qabel. Max-xellug, ftit 'il hawn minn dal-Palazz, jekk wieħed jidħol fi Strada Tramontana isib xi djar qodma tassew, u fosthom **Dar ta' stil Normann**, jiġifieri mibnija fi żmien meta Ruggiero Normanno, fis-sena 1090, ħeles lill-Maltin minn taħt is-Saraċini. Minn hemm nilwu għax-xellug u fi Strada Maestrale nsibu **djar kbar qodma tassew.** Minn hemm mill-ġdid għal Strada Brittanica, u qabel ma nilwu għal Strada S. Scolastica, ma' daharna, għandna bini ġdid flok il-**Knisja Griega ta' S. Nikola**, waħda mit-tliet Parroċċi. Inkomplu nimxu, u nsibu l-knisja u l-kunvent ta' S. Scolastica. Hawn kien **l-ewlieni Sptar ta' l-Ordni.** Għajb illi l-prokuratur ta' dawn is-Sorijiet, biex bena ftit mizzanini, ftit snin ilu, ġarraf il-faċċata u l-portun ta' dan l-Isptar. Dal-portun kien sabiħ tassew, stil Sikulu-Normann, magħmul b'ħafna kolonni mgħarsin ma'xulxin u bi qwas sejrin għal xejn għal xejn, igħidulhom *a sesto acuto*. Ftit iżjed 'il quddiem, għal biex nixorbu ftit arja safja tal-baħar! u fl-istess ħin nitgħaxxqu b'waħda minn l-isbaħ panorami. Hawn aħna nsejħulu s-**Sur tal-Miratur.**

Taħt St. Anġlu, fejn il-lum jilagħbu t-*Tennis*, kien hemm il-**Habs ta' l-Ordni**, iżjed 'il quddiem hemm il-**Guvi** jew għerien taħt l-art, li kienu Habs għal l-Irsiera. Dawn ġew imġarrfin ftit snin ilu minn l-Armirall, biex jibni xi mħażen, imma nbagħad bdielu. Ħdejn dawn, imiss mal-baħar, naraw il-**Għar tal-Paġġi,** fejn fis-sajf kienu jgħumu l-Paġġi tas-Sultan. Minn hemm nitilgħu għal Strada Prigione, u minn fuq il-fosos ninżlu taraġ. Hawn qegħdin nindieħsu ma' dar kbira. Naħseb jien li kienet il-**Berġa ta' l-Italja.** Fiha swali kbar, btieħi u kurituri; iżda ħarsu lejha minn Strada S. Lorenzo, u taħt waħda mit-twieqi intom tilmħu, maqlugħa mill-ħajt: Arma magħmula bħax-xemx birraġġi, ġo nofsha hemm is-Salvatur, u taħt hemm din il-kitba: IN TE DNE. SPERAVI *(Fik, ja Mulej jien ittamajt).* Tgħid fdik il-Berġa jew dâr kien joqgħod il-Kavalier Malaspina? Tgħid dik il-kitba saret b'tifkira tal-mewt glorjuża ta' dan il-Kavalier?....Biex ma nitilfux żmien nimxu 'l quddiem, induru għal Pjazzetta, u niġbdu għal Strada S. Antonio,—hekk imsejħa imħabba **l-Knisja ta' S. Anton Abbati,** mibnija mill-griegi u waħda

mit-tliet Parroċċi tagħhom. Il-lum nofsha mġarrfa u ħanut tal-Karpentieri. Tidher mill-fdal li kienet sabiħa u mdaqqsa, ta' stil doriku, imżejjen ġmielu. Fejn tispiċċa din it-triq, insibu max-xellug Strada Palazzo Antico del Governatore, iżda hi magħrufa taħt il-laqam ta' **Triqt il-Lhud**. Tgħid il-għaliex ? Għaliex għal xi żmien swiet ta' *Ghetto*, jiġifieri fiha l-Lhud kienu kollha bil-jedd miġbura, u ma kinux jistgħu joħorġu minn djarhom, qabel ma' titla', u wara li tgħib, ix-xemx. In-naħħa tax-xellug ta' min tiela', tilmaħ dar kbira, il-lum imqassma f'ħafna djar, li kienet **il-Palazz tal-Gvernatur**. Iżjed 'il fuq; u minn fuq it-tumbata, lejn il-Pjazzetta mill-ġdid, u qabel ma tilwi għal-lemin biex toħroġ għal fuq is-sur tal-Miratur, tindieħes ma' dar; fuq il-bieb anġlu jittajjar, bi vleġġa u skrizzjoni tal-qilla f'idu, meħuda minn Amos Profeta. Aktarx din hi biċċa minn Palazz. Fis-sala għad hemm faċċata ta' Altar u niċċa u statwi mal-ġnieb, żewġ daħliet għas-sagristija. Tgħid din kienet id-**Dar tal-Gran Prijur?**

Nerġgħu għall-Pjazzetta, u ninżlu għal Str. S. Lorenzo, induru għax-xellug, ingħaddu l-Knisja tat-Tirnità, u nsibu ruħna fil-Knisja tal-Karmnu, fejn fi żmien kien fiha l-Patrijiet, mibnija fuq il-lok ta' knisja oħra dedikata lill-**Madonna ta' Monserrat**. Kienet magħżuża wisq mill-baħrin taġ-ġfien u tax-Xwieni ta' l-Ordni.

Fl-aħħar niltaqgħu ma' **San Lawrenz-il-Baħar**. Dil-Parroċċa, l-iżjed qadima ta' Malta wara l-Kattidral, twaqqfet fi żmien Ruggiero Normannu (1090) u maż-żmien, fil-1530, ġiet magħżula mill-Gran Mastru Lisle-Adam biex tkun Kunventwali ta' l-Ordni. It-tifkiriet u l-glorji ta' din il-Knisja, jiġu mfakkra u miktuba fit-tul, f'ħarġa għaliha biss. Ma' ġenbha hemm l-Uratorju ta' S. Marija, il-lum imbiddel fl-Awla tal-Kapitlu, ħdejha kien hemm **Knisja ta' S. Andrija**. Għan naħa tax-xellug, inti u tiela', hemm l-Uratorju tal-Kurċifiss, mibni fuq iz-Zuntier fejn hemm midfuna l-iġsma mqaddsa ta' missirijietna u ta' dawk li ħallew ħajjithom għat-Twemmin Nisrani fis-sena 1565. Fil-lemin mill-ġdid: l-Uratorju ta' S. Ġużepp, li kien għal l-ewwel Knisja ta' S. Katarina iżda meta wasal l-Ordni f'Malta, ġiet im-kabbra mill-Griegi ta' Rodi u magħmula Parroċċa taħt l-isem ta' **Nostra Signora Damascena**. F'dan l-Uratorju, f' Kappella n-naħa tal-lemin, jinsabu magħżuża **il-Kappell u s-Sejf ta' La Valette**. Minn hemm noħorġu għall-Misraħ jew Pjazza Vittoriosa, u l-ewwel ħaġa li nilmħu hi t-Torri jew l-**Arloġġ tal-Birgu**, mibni mill-Gran Mastru D'Omedes fis-sena 1549. Minn fuqu LaValette kien

igħarrex biex jara l-postijiet ta' l-egħdewwa u fl-istess ħin, bis-sinjali tal-bandieri, u bid-daqq tal-qampiena jati l-ordnijiet lill-Kavalieri, imxerrdin fuq il-furtizzi. Il-**qampiena** hi dik stess li għadha ddoqq is-sigħat. Ftit l-isfel minn l-Arloġġ, tinsab Kolonna jew **Muniment tal-VITTORJA**, helu ħafna, magħmul fi żmien il-Gran Mastru Perellos, flok ieħor li kien sar b'tifkira ta' dawk il-qalbiena li mietu fl-1565. Minn hawn nimxu għal Strada Porta Maggiore, u max-xellug nilmħu Palazz kbir ġmielu b'ħames indani: il-**Palazz ta' l-Inkiżitur**. Dan bnieh il-Papa Alessandru VII fis-sena 1656, u ried illi waħda mit-toroq tiġi msemmija għalih: Strada Alessandrina. Mal-minkeb tax-xelluġ ta' dan hemm triq imsejħa Strada Vescovo, għaliex? Għaliex, jekk tħarsu 'l fuq lejn il-lemin, tilmħu Palazz ieħor, li hu **l-Palazz ta' l-Isqof**, il-lum skola taż-żgħar. Bnieh l-Isqof Cubelles. Mal-lemin ta' l-Inkiżitur issa għandna l-Knisja tal-Lunzjata, bil-Kunvent tal-P.P. Dumnikani. Ġol-bitħa tal-Kunvent kien hemm kolonna, igħidu li kienet tat-tempju ta' Ġunone. X'sar minnha? Imma ħarsu lejn il-**Kampnar**, xi dnub li waħħlulu miegħu ħitan ġodda! Il-Kampnar hu ta' min jiflih bir-reqqa. Ta' stil Romanesk, il-kolonni, il-kapitelli twal twal u rqaq. Kienu tal-knisja l-qadima, il-lum minn dil-knisja baqgħu xi ħitan għal Strada S. Giorgio. Itilgħu ftit 'il fuq u duru għal-lemin ta' Strada Torre S. Giovanni, dari **Strada dello Stendardo** għax aktarx fuq it-Torri kien ikun hemm il-Bandiera ta' l-Ordni tperper. Fil-kantuniera tilmħu pilastru normann. Bir-rfus jinsabu pilastri bħal dawn ma' tul din il-Belt, iżda mħabba l-bini jew tiswijiet ġodda, bil-mod il-mod qegħdin igħibu. Hawn aktarx kien hawn il-**Knisja ta' S. Ġorġ**, jekk ma kenitx fejn il-lum tinsab il-Lunzjata. Ninżlu lejn it-taraġ u nsibu ruħna ħdejn sur li kien jaqta' għal kollox il-Birgu mill-baħar, fejn kienet tinsab bwejba, biex mix-xatt tista' titla' għall-Belt, jekk tħallik il-għassa. Hawn kienet tinsab **Polvrista**, li din, fit-18 ta' Lulju 1806 ħadet in-nar, ma jafux kif, u d-djar kollha ta' dawk l-inħawi ġġarrfu, għalhekk isejħulu **l-Imġarraf**. Kienu mietu 149.

Minn hemm għal Strada S. Lorenzo, u fejn taraw ħajt lixx, dari kien hemm Palazzi fejn kienu joqogħdu l-Kbarat tal-Birgu. Meta taslu x-Xatt ta' S. Lawrenz, idħlu l-Mina tat-Tarzna, jekk iħallukom, u fejn taraw il-Fran ta' l-Ammirall, iftakru illi sa l-1824 kien għad hemm tliet loġoġ kbar, li taħthom, kienu jsewwu jew jibnu x-Xwieni ta' l-Ordni. Kienet **it-Tarzna ta' l-Ordni**.

Il quddiem iżjed. Ingħaddu t-*Tunnel* taħt il-Knisja tal-Karmnu, u nilmħu mal-lemin **Palazzi**, wieħed ikbar u isbaħ minn

l-ieħor. Dawna kienu tal-Kbarat ta' l-Ordni bħal ma ta' l-Armirall, tat-Turcopelier u Superjuri oħra. Sew sew fit-tarf tal-*Victualling Yard*, fuq wieħed minn l-imħażen li jatu għall-GUVI tar-Rsiera, hemm niċċa magħluqa, iżda bil-permess ta' l-Armirall jista' wieħed jaraha. Fiha **Kurċifiss**, u xbihiet oħra ta' qaddisin. Din saret biex turi li f'lokha kienet tinsab Knisja qadima ta' S. Andrija, li tneħħiet, biex tâti wisa' għal l-Imħażen tat-Tarzna ta' l-Ordni. Issa f'tarf ix-xatt insibu foss mimli bil-baħar, igħidulu Mandraġġ, li jagħżel 'il **Sant'Anġlu** minn l-art u jagħmlu gżira. Dan hu l-Kastell l-iżjed qawwi u ta' ġieħ fid-Dinja kif iddur. Hu hekk kbir illi jista' jiġbor fi ħdanu, fi żmien il-hemm, 'in-nies kollha ta' Malta. Hu daqs belt. Kif nidħlu fih, fil-maħżen tal-lemin hemm bħal fossa, igħidu li dik hija bidu ta' mogħdija li fi żmien l-Assedju kienet qiegħda ssir biex il-Kavalieri jgħaddu minn taħt il-baħar għall-Forti S. Mikiel. Kif tħallu l-ewwel rampa, qabel ma toħroġ għat-tieni waħda, issibu l-**Knisja ġol-blat** mibnija mill-Konti Ruġġieru fl-1090. Kienet Paroċċa tal-Kastell. Mil-lemin titla' xi 100 tarġa u ssib il-Kavalier fejn hemm **Qampiena** li jaf biha kullħadd, għax fil-Festi tal-Kottoniera ddoqq bla ma' tehda. Fuq il-Kavalier li jħares lejn il-belt Valletta hemm il-**Knisja ta' Sant'Anna**, mirfuda fuq kolonna tal-granit, li kienet tat-*Tempju ta' Ġunone* jew *Astarte*; fiha l-oqbra ta' l-Isle-Adam, ta' La Valette u ta' del Ponte. Ħdejha, il-**Palazz tas-Slaten**, fih portiku sabiħ normann, bitħa, ġnejna u mal-ħajt Arma ta' l-Isle-Adam donnha mnaqqxa l-bieraħ. Mal-ġenb hemm bħal bir fejn Dun Gejtan Mannarinu dam magħluq priġunier għal ħafna snin.

Il-mixja tiegħi hi mitmuma.

Qabel ma nispiċċa sejjer nagħmel mistoqsija u xebh. Hu ikreh il-Birgu? Għal min ma jafx, ma hux sabiħ; għal min jagħraf il-ġrajja tal-Gżira hu sabiħ kemm jista' jkun. Issa kieku nqegħdilkom quddiemkom ix-xbieha ta' Dante, u dik ta' xi xebba sabiħa, xi tgħidu? għall-boloh, ix-xbieha ta' xebba hija ta' ġmiel, dik ta' l-ieħor hija kerha. Iżda min jifhem, meta jilmaħ ix-xbieha tal-waħda, mimlija terra, xufteiha ħomor bil-peprin, ħaddejha miżbugħa, riġlejha barra, imqartsa bħal qartas taż-żebbuġ igħid: Uff xi qżież! Għal Dante, fil-waqt li jneħħi l-kappell, hekk isellimlu: O Dante, kemm int kbir, kemm int għaref, kif saħħart id-dinja u ġbidtha warajk!! Il-kruha tiegħek iżjed tkabbar is-sbuħija tad-dehen tiegħek. Hekk ukoll il-kruha tal-Birgu. Kruha li tagħmlu iżjed sabiħ fl-istorja u l-għaxqa ta' Malta!

**Kan: G. M. Farrugia.**

# BEJNIETNA

—Issa li dieħel is-sajf, infakkru lil xi żewġ studenti, li kienu wegħduna xi ħaġa, li fil-vaganzi jistgħu, jekk iridu, jiktbulna xi ħaġa. Kull mita nitolbuhom: "uff għandna l-eżamijiet". Sewwa. Mela, jekk jogħġobhom, fil-vaganzi tas-sajf... wara l-banju... mita x-xemx tkun taħraq wisq biex joħorġu.... xuxa.... jippassiġġaw..... joqogħdu ftit fuq l-iskrivanija u jħarbxulna xi *novella*.... xi fatt storiku.... xi poeżija.... Ftehemna hux ?.....

Nagħmlu l-istess stedina lil l-istudenti l-oħra.

—Lil dak li bagħtilna xi ħaġa fuq il-biedja, ngħidulu li jisogħbina li ma ġibnieħx, mhux għax mhix ħaġa jew għax mhix ta' fejda, iżda għax, bħal ma qal hu, ġiet miġjuba f'ġurnal ieħor li hu ,mxerred bil-bosta u għalhekk inqrat biż-żejjed.

—Nitolbu lill-kittieba tagħna li kemm jista' jkun, iżommu fil-qosor. Din id-darba kellna nġibu xi tliet artikuli xi ftit twal li ħadulna qiesu l-wisa' kollu; b'daqshekk ma rridux naqtgħu qalb il-kittieba u l-qarrejja tagħna, b'daqshekk ma jfisserx li l-ħarġa ta' din id-darba ma hix sabiħa bħal ta' qabel; dan ma jinħtieġx li ngħiduh aħna għax jista' jarah kullħadd li materjal fih u fih iżjed għani minn ta' drabi oħra, iżda jekk qatt xi ħadd igħid li hu xi ftit monotonu jiftakar li l-ktieb tagħna ma hux letterarju biss izda—u fuq kollox—hu xjentifiku.

B'dana kollu nitolbu lill-kittieba biex iżommu kemm jistgħu fil-qosor u aħna, minn għalina, nagħmlu kemm nistgħu biex inżewquh, fil-ħin li nitolbu l-għajnuna tal-kittieba li jagħżlu ħwejjeġ varjati u lil l-imseħbin li jxerrdu kemm jistgħu dan il-Qari u jsibulna mseħbin iżjed biex inkunu nistgħu iżjed inkabbruh.

—Ir-Rev. Saydon kitbilna fejn widdibna li fil-Malti jaħtieġ li jkun hemm Bibjografija jew, ngħidu aħna, xi erba' kelmiet fuq kull ktieb jew kitba li toħroġ, sew f'Malta kemm barra, fuq l-ilsien malti, storja, arkeölоġija ta' Malta etc; sewwa qal u din il-ħaġa ilha f'rasna, iżda konna għadna ma bdejniex għax ma kellniex min iħeġġiġna. Nitolbu għalhekk lill-kittieba tagħna—u fosthom minn ta' l-ewwel lir-Rev. Saydon—li malli tiġi f'idejhom xi ħaġa jiftakru fina u jiktbulna xi erba' kelmiet fuqha. Għal darb'oħra is-Sur Nin Cremona wegħidna li jiktbilna fuq ktieb żgħir li ħareġ Sir W. Willcoks fuq: "*Syria, Egypt, North Africa and Malta speak Punic not Arabic.*"

—Fil-faċċata 35 vers 12 *Felix de Sales* irid jiġi *Felix de Salle*.

# KITBULNA

Sur Direttur ta' "Il-Malti"

Qrajt b'ferħa kbira fl-aħħar għadd ta' *Il-Malti*, li l-imsieħba żdiedu bil-kotra, u għalhekk aktarx l'int bil-ħsieb li tkabbru jew toħorġu kull xahrejn, jekk m'hux kull xahar ukoll.

Jiena tal-fehma, sur Direttur, li, jekk *Il-Malti*, toħorġu ta' sikwit, ikun aħjar milli tkabbru u jibqa' joħroġ kull tliet xhur: għax, ta' sikwit, il-karrejja aktar jifirħu bih, milli ta' darba-fil, billi jilħqu jinsewh. Imqar, għal dina l-biċċa ta' sikwit, il-ħlas tagħmlu żewġ xelini flok xelin u nofs, għax naħseb, li dawn is-sitt soldi żjieda fis-sena ħadd ma jarahom.

Jekk inti, sur Direttur, toħroġ *Il-Malti* ta' sikwit, għandi "Kitba fuq il-Flus ta' Malta", miġbura minn bosta kotba li ġew stampati fuq dawn il-Flus, kif ukoll minn l-Arkivju ta' l-Ordni, mill-Manuskritti tal-Bibljoteka u minn l-Arkivju tal-Kattidral ta' l-Imdina, fejn, f'dina l-Kitba, il-qarrej isib bosta ħwejjeġ ġodda u li ma huma stampati fl-ebda Lsien.

Fost il-ħwejjeġ li l-qarrej isib (stampati jew lè), jiltaqa' ma' kif kienet sewwa l-biċċa bejn l-Imperatur Karlu V u l-Ordni fuq l-istampâr tal-Flus f'Malta, kif iz-zekka kienet taħdem u tagħmel il-Flus ta' Malta, fuq l-imbullar ta' sikwit tal-patakki u n-Nofs Patakki mill-Gran Mastri mħabba l-kotra kbira ta' foloz li kienu jagħmlulhom,—ħaġa li l-ebda wieħed li kiteb s'issa fuq dan l-imbullar, ma jġib sewwa—liema Gran Mastri mbullawhom, il-għala l-Ordni ġabar xi għamliet ta' Flus u l-għala kien ċekken il-Flus tal-fidda, b'kemm kienu jimxu l-Flus ta' Malta u ta' Barra, fejn kienet iz-zekka ta' l-Ordni, kif dawn il-Flus inġabru u nqerdu minn fostna, x'sar minnhom il-għodod taz-zekka fi żmien l-Ingliżi, u bosta ħwejjeġ oħra li nittamaw li l-qarrej jieħu tassew pjaċir bihom.

Fil-waqt li nselli għalik ħafna, għoddni dejjem kollni tiegħek.

Tal-Pietà, 28-4-26. Ġużê Gatt

Lill-ħabib tagħna Ġużê Gatt fuq din il ħaġa nweġbuh darba oħra.

Stampât fl-Empire Press.